2025/1901

23.9.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1901

tat-22 ta' Settembru 2025

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu gliossiliku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fil-25 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-aċidu gliossiliku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż konċernat") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Injoni Ewropew ([2]) ("in-Notifika tal-Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment li ġie ppreżentat fl-10 ta' Ġunju 2024 minn WeylChem Lamotte SAS ("l-ilmentatur"). L-ilment sar mill-industrija tal-Unjoni tal-aċidu gliossiliku fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta li kienet biżżejjed biex tiġġustifika t-tnedija tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(3) Fl-24 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-aċidu gliossiliku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ir-"RPĊ" jew "iċ-Ċina") soġġetti għal reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2715 ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni") ([3]).

1.3. Miżuri proviżorji

(4) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, fl-24 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni pprovdiet lill-partijiet b'sommarju tad-dazji proposti u b'dettalji dwar il-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping u l-marġnijiet adegwati biex jitneħħa d-dannu għall-industrija tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol. F'dan il-perjodu, żewġ importaturi/utenti, Trade Corporation International SAU ("Trade Corporation") u Laboratorios Jaer S.A. ("Jaer") issottomettew kummenti relatati mal-interess tal-Unjoni. Il-produttur esportatur inkluż fil-kampjun, Xinjiang Guolin, sostna li l-Kummissjoni naqqset it-trasport tal-merkanzija ttrasportata bil-baħar darbtejn għal ċerti tranżazzjonijiet u li l-Kummissjoni skambjat il-marġni tal-profitt mal-marġni tal-SG&A fil-kalkolu.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.

([2]) In-Notifika tal-bidu ta' proċediment anti-dumping rigward l-importazzjonijiet tal-aċidu gliossiliku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU C, C/2024/4751, 25.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4751/oj.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2715 tal-24 ta' Ottubru 2024 li jagħmel importazzjonijiet ta' aċidu gliossiliku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L, 2024/2715, 25.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2715/oj).

(5) Kif innotat fil-premessa (329) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/591 ([4]) (ir-"Regolament proviżorju"), il-Kummissjoni kkoreġiet it-tranżazzjonijiet tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar, li inizjalment ingħaddew darbtejn fil-kalkolu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkoreġiet il-marġni ta' profitt ta' 10 % u l-marġni tal-SG&A ta' 23 % fil-kalkoli. Barra minn hekk, fil-premessa (330) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni nnotat li ġiet applikata rata tal-kambju żbaljata għas-sors biex jiġi ddeterminat il-valur normali li jikkonċerna l-kost lavorattiv, l-elettriku u l-ilma. Il-Kummissjoni aġġornat il-valur tal-kost lavorattiv, tal-elettriku u tal-ilma fit-Tabella 1 tar-Regolament proviżorju, billi użat l-istess rata tal-kambju tal-munita kkomunikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-perjodu ta' investigazzjoni għall-fatturi kollha tal-produzzjoni.

(6) Il-Kummissjoni imponiet dazji anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu gliossiliku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bir-Regolament proviżorju.

1.4. **Proċedura sussegwenti**

(7) Wara l-iżvelar tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom ġie impost dazju anti-dumping proviżorju ("divulgazzjoni proviżorja"), il-produtturi esportaturi Guangdong Joy Chemical Co., Ltd., Hubei Hongyuan Pharmaceutical Technology Co., Ltd., Inner Mongolia Tianyuda Biological Technology Co., Ltd., Jinyimeng Group Co., Ltd u Xinjiang Guolin New Materials Co. Ltd u l-importaturi/utenti Trade Corporation, Deretil S.A. ("Deretil"), L. Brüggemann GmbH & Co KG ("Brüggeman") u Jaer ippreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub li fihom esprimew il-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet proviżorji fl-iskadenza pprovduta mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament proviżorju.

(8) Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw din l-opportunità. Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset bħala neċessarja għas-sejbiet finali tagħha. Meta waslet għas-sejbiet definittivi tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati u rrevediet il-konklużjonijiet provviżorji tagħha meta kien xieraq.

(9) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu gliossiliku li joriġina mir-RPĊ (id-"divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali.

(10) L-ilmentatur, il-produtturi esportaturi Xinjiang Guolin u Hubei Hongyuan, u l-importaturi/utenti Brüggemann, Deretil, Jaer, Trade Corporation, Asociacion Espanola de Fabricantes de Agronutrientes, (l-Assoċjazzjoni Spanjola tal-Manifatturi Agronutrijenti "AEFA") u Nouryon Functional Chemicals AB ("Nouryon") issottomettew kummenti qabel l-iskadenza.

(11) Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw din l-opportunità. Saru seduti ta' smigħ mal-produttur esportatur Xinjiang Guolin u l-importaturi/utenti Jaer, Brüggemann u Deretil. Il-kummenti sottomessi mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u ttieħdu f'kunsiderazzjoni, fejn xieraq, f'dan ir-regolament. Dawn ġew indirizzati hawn taħt.

(12) L-analiżi ta' wħud mill-kummenti dwar id-divulgazzjoni finali rriżultat f'bidliet fil-kalkoli tad-dumping u fl-eżenzjoni mill-użu aħħari. Fil-5 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha bil-bidliet permezz ta' divulgazzjoni addizzjonali finali limitata għall-modifiki li saru. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali addizzjonali. Weylchem, Jaer, Trade Corporation, Hubei Hongyuan, Jinyimeng Group Co., Ltd. u Inner Mongolia Tianyuda Biological Technology Co., Ltd. issottomettew kummenti. Dawn ġew indirizzati hawn taħt.

1.5. **Asserzjonijiet dwar il-bidu**

(13) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-bidu, il-konklużjonijiet fil-premessi minn (1) sa (2) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/591 tal-21 ta' Marzu 2025 li jimponi dazju proviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu gliossiliku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2025/591, 24.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/591/oj).

1.6. **Kampjunar**

(14) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-kampjunar, il-konklużjonijiet fil-premessi minn (6) sa (11) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(15) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar it-tweġibiet tal-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika, il-konklużjonijiet fil-premessi minn (12) sa (15) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

1.8. **Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat**

(16) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat, il-konklużjonijiet fil-premessa (16) tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata.

2. **PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Asserzjonijiet dwar il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili**

(17) Wara d-divulgazzjoni, l-utent Brüggemann irrepeta l-asserzjoni tiegħu li għamel fl-istadju proviżorju li l-grad tekniku speċifiku tal-aċidu gliossiliku li jimporta miċ-Ċina u li juża fil-produzzjoni ta' aġenti riduċenti bbażati fuq il-kubrit mingħajr formaldeid ("FFSRAs, formaldehyde-free sulphur-based reducing agents") bħalissa ma huwiex qed jiġi offrut mill-industrija tal-Unjoni. Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza ulterjuri biex issostni l-asserzjoni li l-prodott miksub miċ-Ċina ma jistax jinkiseb mill-industrija tal-Unjoni, u għalhekk il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

(18) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (22) sa (28) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3. **DUMPING**

3.1. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku**

(19) Il-proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali ġiet stabbilita fil-premessi minn (38) sa (86) tar-Regolament proviżorju.

3.2. **Valur normali**

(20) Id-dettalji tal-kalkolu tal-valur normali ġew stabbiliti fil-premessi minn (87) sa (162) tar-Regolament proviżorju.

3.2.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(21) Ma wasal l-ebda kumment dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ. Għalhekk, is-sejbiet fil-premessi minn (41) sa (86) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.2.2. *Pajjiż rappreżentattiv*

(22) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, Trade Corporation International issottomettiet kummenti dwar l-għażla tal-Kolombja bħala l-aktar pajjiż rappreżentattiv xieraq u l-aċidu aċetiku bħala prodott fl-istess settur bħall-aċidu gliossiliku. Trade Corporation International allegat li l-prodott manifatturat fil-Kolombja, l-aċidu aċetiku, ma kienx l-istess bħall-prodott taħt investigazzjoni, li kellu proprjetajiet u użi kimiċi speċifiċi. Trade Corporation International iddikjarat li l-aċidu gliossiliku kien madwar għaxar darbiet aktar b'saħħtu u aċiduż mill-aċidu aċetiku. Trade Corporation International allegat li l-aċidu aċetiku kien jintuża wkoll fl-agrikoltura, iżda prinċipalment għal finijiet differenti mill-aċidu gliossiliku, bħal erbiċida naturali, għall-kontroll tal-pesti biex jittejbu l-fertilità tal-ħamrija u l-bilanċ tal-pH, filwaqt li l-aċidu gliossiliku ntuża primarjament biex jirregola t-tinbit tal-pjanti u għall-kontroll tal-ħaxix ħażin.

(23) Il-Kummissjoni infurmat fil-premessi (34) u (91) tar-Regolament proviżorju li peress li ma kien hemm l-ebda produzzjoni ta' aċidu gliossiliku barra miċ-Ċina u l-Unjoni, il-Kummissjoni kellha tirrikorri għall-identifikazzjoni ta' prodott indikatur xieraq fl-istess kategorija ġenerali u/jew settur bħall-aċidu gliossiliku bil-għan li jiġi identifikat valur mingħajr distorsjoni f'pajjiż rappreżentattiv b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ. Il-Kummissjoni spjegat fit-taqsima 3.2.2.1.2 tar-Regolament proviżorju, il-premessi minn (91) sa (93) li hemm erba' prodotti tal-aċidi karbossiliċi C2 bi proċessi tal-produzzjoni simili u bl-użu ta' materja prima simili, jiġifieri l-aċidu gliossiliku, l-aċidu ossiliku, l-aċidu glikoliku u l-aċidu aċetiku, iżda l-aċidu aċetiku biss huwa mmanifatturat fil-pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku. Il-Kummissjoni nnotat li l-proċess tal-produzzjoni għall-kisba tal-aċidu aċetiku, jekk mhux identiku, huwa komparabbli ħafna għal dak għall-manifattura tal-aċidu gliossiliku, peress li l-proċessi tal-produzzjoni rispettivi, il-materja prima ewlenija u l-oġġetti tal-konsum rilevanti huma simili ħafna. Għalhekk, il-Kummissjoni sostniet li l-aċidu aċetiku kien bħala prodott indikatur xieraq fl-istess kategorija ġenerali u/jew settur bħall-prodott taħt investigazzjoni u ċaħdet l-asserzjoni.

(24) Trade Corporation International allegat li l-kundizzjonijiet ekonomiċi speċifiċi u l-kapaċitajiet industrijali fil-Kolombja mhux neċessarjament jirriflettu b'mod akkurat dawk fiċ-Ċina, peress li l-proċessi tal-produzzjoni, l-istrutturi tal-kostijiet, u d-dinamika tas-suq fil-Kolombja jistgħu jkunu differenti b'mod sinifikanti minn dawk fiċ-Ċina, u dan iwassal għal rappreżentazzjoni mhux preċiża tal-valur normali tal-aċidu gliossiliku. Trade Corporation International sostniet ulterjorment li d-data finanzjarja disponibbli faċilment għal kumpanija waħda biss fil-Kolombja, Sucroal S.A., ma kinitx biżżejjed biex isir paragun raġonevoli, peress li l-kumpanija setgħet tistabbilixxi prezzijiet ferm ogħla mis-suq.

(25) Fil-premessi minn (89) sa (90) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni stabbiliet li l-Kolombja taqa' fl-istess kategorija ta' ekonomiji b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħaċ-Ċina, ikklassifikata fl-istess klassifikazzjoni tal-grupp ta' introjtu (pajjiżi b'introjtu medju superjuri) ippubblikata mill-Bank Dinji ([5]). Il-Kummissjoni kkonkludiet ulterjorment fil-premessi minn (107) sa (115) tar-Regolament proviżorju li, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku, li l-informazzjoni finanzjarja għall-kumpanija Kolombjana Sucroal S.A. kienet faċilment disponibbli u l-aktar xierqa biex tintuża. Il-Kummissjoni infurmat li ma kienx aktar minn produttur wieħed tal-aċidu aċetiku fil-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali. Il-Kummissjoni identifikat produttur wieħed tal-aċidu aċetiku fil-Kolombja, u wieħed fit-Turkija. Il-Kummissjoni infurmat ukoll li l-manifattur Tork tal-aċidu aċetiku, Akkim Kimya Sanayi ve Ticaret A.S., kien qed jiġi investigat mill-Uffiċċju Tork ta' Kontra l-Monopolji għar-restrizzjoni tal-kompetizzjoni u l-manipulazzjoni tal-prezzijiet. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni injorat lit-Turkija mill-għażla ta' pajjiż rappreżentattiv. Barra minn hekk, Sucroal S.A. hija kumpanija stabbilita fil-Kolombja u l-fatt li ma kien hemm l-ebda produttur ieħor tal-aċidu aċetiku fil-Kolombja ma jurix li d-data finanzjarja biex jiġu stabbiliti l-SG&A u l-profitt ma hijiex affidabbli. L-asserzjoni ġiet miċħuda.

(26) Wara d-divulgazzjoni finali, Trade Corporation International sostniet li l-Kummissjoni ma ssodisfatx id-dmir tagħha li tiddikjara r-raġunijiet biex tirrifjuta l-asserzjonijiet ta' Trade Corporation International u rrepetiet l-argumenti li diġà kienu ddikjarati fir-Regolament proviżorju. Trade Corporation International tenniet li l-aċidu aċetiku u l-aċidu gliossiliku għandhom profil fiżikokimiku u spettru tal-użu finali differenti: l-aċidu gliossiliku huwa molekula b'saħħitha tal-aċidu aldeid (pKa ≈ 3,3), użat b'mod predominanti f'applikazzjonijiet speċjalizzati downstream ta' valur għoli (intermedji farmaċewtiċi, attivitajiet kożmetiċi, fertilizzanti kelati), l-aċidu aċetiku huwa aċidu monokarboksiliku dgħajjef (pKa ≈ 4,8) mibjugħ bħala reaġent kimiku, u fil-manifattura ta' diversi komposti kimiċi (eż. għall-industrija tat-tindif). Trade Corporation International oġġezzjonat li l-aċidu aċetiku u l-aċidu gliossiliku kienu prodotti simili peress li kienu jvarjaw fil-prezz, fir-rekwiżiti tal-purità, kienu jeħtieġu speċifikazzjonijiet ta' traċċa-metall u standards ta' sikurezza. Għalhekk, huma ma qablux li l-aċidu aċetiku jista' jintuża bħala indikatur għall-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv.

(27) Il-Kummissjoni nnotat li Trade Corporation International ma ressqet l-ebda evidenza ġdida biex tappoġġa l-asserzjoni. Il-Kummissjoni ċċarat li l-fatt li l-aċidu aċetiku huwa aċidu monokarbossiliku aktar dgħajjef kien magħruf mill-bidu tal-investigazzjoni. Għalkemm il-Kummissjoni ma kinitx marbuta li tidentifika alternattiva eżatta għall-aċidu gliossiliku, hija kienet marbuta tidentifika prodott simili fl-istess kategorija ta' prodotti li għalihom jintużaw l-istess materjali ta' input ewlenin jew materjali simili. Bħala tali, il-Kummissjoni sostniet li l-aċidu aċetiku kien l-aħjar prodott indikatur disponibbli fil-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali eżaminati. Il-Kummissjoni tenniet li l-aċidu gliossiliku u l-aċidu aċetiku huma t-tnejn fil-prodotti tal-aċidi karbossiliċi C2, jużaw materja prima simili, u jsiru bl-istess klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li Trade Corporation International ma pproponiet l-ebda prodott alternattiv fil-kategorija simili tal-aċidu gliossiliku biex turi li l-aċidu aċetiku ma kienx prodott indikatur xieraq. L-argument ġie miċħud.

(28) Barra minn hekk, Trade Corporation International allegat li l-Kummissjoni naqset milli tispjega għaliex kumpanija waħda biss (Sucroal) hija biżżejjed għall-kostruzzjoni tal-SG&A u l-profitt, kif Sucroal kienet produttur effiċjenti u għaliex produtturi oħra ma kellhomx data affidabbli x'jużaw bħala paragun, li jimmina l-għażla tal-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

([5]) Il-Bank Dinji: How does the World Bank classify countries? – World Bank Data Help Desk.

(29) Il-Kummissjoni ċċarat li fir-Regolament proviżorju (il-premessa (107)) kienet diġà rrapportat li kienet teżisti data finanzjarja faċilment disponibbli minn Orbis għas-sena 2023 għal manifattur wieħed biss tal-aċidu aċetiku fil-Kolombja (Sucroal S.A.) u manifattur wieħed tal-aċidu aċetiku fit-Turkija (Akkim Kimya Sanayi ve Ticaret A.S.). Il-Kummissjoni kienet infurmat ukoll lill-partijiet fil-premessa (112) tar-Regolament proviżorju li filwaqt li qieset l-investigazzjoni li għaddejja tal-uffiċċju Tork Kontra l-Monopolju rigward Akkim Kimya Sanayi ve Ticaret A.S., il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li ma tibqax tqis lil Akkim Kimya Sanayi ve Ticaret A.S għall-kostruzzjoni tal-SG&A u l-profitt. Peress li l-ebda wieħed mis-seba' pajjiżi rappreżentattivi potenzjali ma mmanifattura l-aċidu gliossiliku, l-aċidu glikoliku jew l-aċidu ossaliku, l-argument ta' Trade Corporation International dwar l-inadegwatezza tal-prodotti ta' Sucroal kien irrilevanti. Fl-aħħar nett, peress li mir-Regolament bażiku ma huwa meħtieġ l-ebda għadd minimu ta' kumpaniji biex jibnu l-SG&A u l-profitt, il-Kummissjoni ma kisret l-ebda dispożizzjoni legali. L-argument ġie miċħud.

(30) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-konklużjonijiet fil-premessi minn (87) sa (119) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.2.3. *Fatturi ta' produzzjoni*

(31) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, Xinjiang Guolin allegat li l-parametru referenzjarju tal-Kummissjoni għall-importazzjonijiet tal-anidride malejka lejn il-Kolombja f'livell ta' 12,58 CNY/kg kien esaġerat. Xinjiang Guolin iddikjarat li l-prezz medju tal-importazzjoni tal-anidride malejka fl-Unjoni (mingħajr importazzjonijiet miċ-Ċina u minn pajjiżi oħrajn mhux tad-WTO) kien ta' 8,09 CNY/kg, u l-prezz medju tal-importazzjoni tal-anidride malejka lejn pajjiżi ġirien kien ta' 7,7 CNY/kg għall-Brażil, u ta' 7,5 CNY/kg għall-Messiku. Xinjiang Guolin ikkummentat ukoll li fir-rieżami interim li għaddej bħalissa tal-Kummissjoni R825 dwar il-miżuri anti-dumping applikabbli fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ ("GFR, glass fibre products") bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([6]), il-Kummissjoni applikat parametru referenzjarju għall-importazzjonijiet tal-anidride malejka bejn 6,7 CNY/kg u 7,7 CNY/kg, li allegatament wera li l-valur referenzjarju għall-importazzjonijiet tal-anidride malejka fil-Kolombja kien wisq għoli. Bħala alternattiva, Xinjiang Guolin ipproponiet li jiġi applikat prezz tal-importazzjoni medju tal-anidride malejka fl-Unjoni, prezz tal-importazzjoni internazzjonali tal-anidride malejka fil-pajjiżi kollha, prezz medju tal-anidride malejka fl-Istati Uniti ("US"), fl-Ewropa u fix-Xlokk tal-Asja, prezz tal-esportazzjoni medju fil-livell tal-kost, assigurazzjoni u noll (CIF, cost, insurance and freight) tal-anidride malejka mill-pajjiżi kollha jew l-użu biss tal-prezz tal-importazzjoni tat-Tajwan u tal-Korea fil-Kolombja.

(32) Il-Kummissjoni nnotat li r-rieżami interim tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw miċ-Ċina msemmija minn Xinjiang Guolin jikkonċerna prodott kompletament differenti u huwa investigazzjoni separata. Barra minn hekk, f'dik l-investigazzjoni s'issa ma kien hemm l-ebda deċiżjoni dwar liema pajjiż finalment se jintgħażel bħala pajjiż rappreżentattiv. Fi kwalunkwe każ, f'dan il-każ, il-Kummissjoni spjegat fil-premessi (107) u (114) tar-Regolament proviżorju li t-Turkija ma kinitx pajjiż rappreżentattiv xieraq għall-kostruzzjoni tal-valur normali, u b'riżultat ta' dan, l-applikazzjoni tal-parametru referenzjarju għall-anidride malejka mit-Turkija ma tkunx xierqa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni spjegat fil-premessi (96), (100) u (106) tar-Regolament proviżorju, li l-Brażil u l-Messiku nstabu li ma kinux pajjiżi rappreżentattivi xierqa peress li xi ftit mill-materja prima ewlenija kienet fil-biċċa l-kbira importata miċ-Ċina u ma kien hemm l-ebda produttur tal-aċidu aċetiku b'informazzjoni finanzjarja disponibbli faċilment biex jinbnew l-SG&A u l-profitt. Għalhekk, il-parametri referenzjarji għall-anidride malejka fil-Messiku, fil-Brażil u fit-Turkija ġew miċħuda.

(33) Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li l-volum tal-importazzjoni tal-anidride malejka fil-Kolombja kien limitat peress li kien jammonta għal mhux aktar minn 4 664 tunnellata. Għalhekk, il-Kummissjoni analizzat parametri referenzjarji potenzjali oħra, inklużi l-alternattivi proposti minn Xinjiang Guolin, u nnotat li l-akbar esportatur tal-anidride malejka huwa ċ-Ċina, segwita mill-Istati Uniti. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża l-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat mill-Istati Uniti lejn il-pajjiżi kollha fid-dinja (l-esportazzjonijiet lejn iċ-Ċina u pajjiżi oħrajn mhux tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ġew esklużi) fil-livell tal-Kost, tal-Assigurazzjoni u tan-Nol ("CIF") bħala l-aktar parametru referenzjarju xieraq għall-aċidu malejku. Il-prezz stabbilit b'dan il-mod kien ta' 9,32 CNY/kg. . Wara kummenti addizzjonali ta' Xinjiang Guolin għad-divulgazzjoni finali, il-Kummissjoni kkoreġiet żball fid-data tal-importazzjoni u żiedet id-dazji tal-importazzjoni medji ponderati imposti mill-akbar għaxar pajjiżi importaturi ta' oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti, li jkopru 98 % tal-importazzjonijiet madwar id-dinja li joriġinaw mill-Istati Uniti. Ir-rata medja ponderata tad-dazju li rriżultat kienet ta' 3,15 %. Fuq din il-bażi, il-prezz ġie stabbilit għal 8,25 CNY/kg. Dan irriżulta f'reviżjoni tal-marġni tad-dumping għal Xinjiang Guolin u l-produtturi esportaturi li kkooperaw li ma kinux parti mill-kampjun. Il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati kollha dwar il-bidla fil-parametru referenzjarju tal-anidride malejka permezz tad-divulgazzjoni finali addizzjonali.

([6]) Notifika ta' bidu ta' rieżami interim tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu ("GFR") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C, C/2024/5344, 30.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5344/oj).

(34) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji, Xinjiang Guolin allegat ulterjorment li l-parametru referenzjarju għall-aċidu nitriku kien baxx b'mod artifiċjali u kkontribwixxa għall-marġni tad-dumping baxx ta' Hubei Hongyuan. Xinjiang Guolin iddikjarat li l-Kummissjoni ma kinitx indirizzat biżżejjed il-kumment preċedenti tagħha li l-użu tal-prezz frank abbord (FOB, free on board) għall-fattur ta' produzzjoni ta' Hubei (prezz tal-esportazzjoni internazzjonali medju tal-aċidu nitriku), u l-prezz CIF li l-Kummissjoni użat għal dak ta' Guolin (prezz tal-importazzjoni tal-anidride malejka fil-Kolombja), irriżultaw f'determinazzjoni diskriminatorja tal-valuri normali maħdumin għall-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun. Xinjiang Guolin talbet lill-Kummissjoni biex taġġorna l-prezz frank abbord ta' Hubei għall-aċidu nitriku għall-prezz CIF billi żżid il-kost tal-merkanzija u tal-assigurazzjoni, jew biex tuża l-prezz tal-esportazzjoni tal-prezz frank abbord għall-fatturi kollha tal-produzzjoni kemm ta' Hubei kif ukoll ta' Xinjiang biex tiżgura li jiġu segwiti l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, tat-trattament ugwali, tal-amministrazzjoni tajba u l-konsistenza mal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ.

(35) Il-Kummissjoni spjegat fil-premessi (129), (130), (136) u (138) tar-Regolament proviżorju li osservat firxiet kbar ta' prezzijiet u kejl differenti ta' kwantitajiet kemm għall-importazzjonijiet tal-aċidu nitriku fil-Kolombja kif ukoll għall-prezz tal-importazzjoni medju internazzjonali tal-aċidu nitriku. Peress li l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-aċidu nitriku ma setgħux jitqiesu bħala rappreżentattivi minħabba fluttwazzjoni sinifikanti fil-prezzijiet u unitajiet ta' kejl differenti, il-Kummissjoni analizzat approċċi alternattivi biex tistabbilixxi prezz referenzjarju xieraq. Il-Kummissjoni stabbiliet li l-prezz tal-esportazzjoni medju internazzjonali lejn il-pajjiżi kollha estratti mill-GTA kellu l-istess unità ta' kejl u kien ħieles minn fluttwazzjonijiet estremi fil-prezzijiet. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prezz tal-esportazzjoni medju internazzjonali lejn il-pajjiżi kollha (frank abbord) kien l-aktar parametru referenzjarju affidabbli u li dan l-approċċ kien f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, inċaħdet l-asserzjoni magħmula minn Xinjiang Guolin dwar il-valur referenzjarju tal-esportazzjoni tal-aċidu nitriku fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni proviżorja.

(36) Wara d-divulgazzjoni finali, Xinjiang Guolin sostniet li kemm il-parametri referenzjarji tal-aċidu nitriku kif ukoll tal-anidride malejka kienu bbażati fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni, filwaqt li l-prezz tal-esportazzjoni tal-anidride malejka ġie stabbilit fil-livell CIF u l-parametru referenzjarju tal-aċidu nitriku fil-livell ta' frank abbord. Xinjiang Guolin reġgħet iddikjarat mill-ġdid it-talba tagħha biex il-prezz frank abbord ta' Hubei għall-aċidu nitriku jiġi aġġornat għall-prezz CIF billi jiżdied il-kost tal-merkanzija u tal-assigurazzjoni. Xinjiang Guolin sostniet ukoll li l-Kummissjoni missha żiedet ammont għad-dazji tal-importazzjoni mal-prezz tal-esportazzjoni CIF tal-aċidu nitriku biex tiżgura li l-parametru referenzjarju biex jinħadem il-valur normali kien jirrifletti l-prezz li produttur kien iħallas għall-materja prima kif ikkonsenjata fuq l-għatba tal-fabbrika. Xinjiang Guolin ikkalkulat id-dazju medju tal-importazzjoni għall-akbar għaxar pajjiżi importaturi tal-aċidu nitriku li jirrappreżentaw 75 % tal-importazzjonijiet kollha fil-livell ta' 5,7 %.

(37) Il-Kummissjoni aċċettat il-kumment ta' Xinjiang Guolin, u sabiex tikkonverti l-prezz frank abbord għal-livell CIF, hija rrikorriet għad-data tal-OECD dwar ir-rata ta' konverżjoni mill-prezzijiet frank abbord għall-prezzijiet CIF tal-aċidu nitriku ([7]). Il-Kummissjoni nnotat li l-marġni tal-OECD għal CIF imqabbel mal-prezz frank abbord għall-aċidu nitriku fl-aħħar sena osservata (2022) kien ta' 10,51 %. Dan il-marġni għal CIF imqabbel mal-prezz frank abbord tqies bħala l-aktar xieraq u ġie miżjud mal-prezz medju tal-esportazzjoni internazzjonali, flimkien mad-dazji tal-importazzjoni medji ponderati imposti mill-akbar għaxar pajjiżi importaturi li jkopru 98 % tal-importazzjonijiet madwar id-dinja, stabbiliti għal 4,99 %. Il-parametru referenzjarju aġġornat għall-aċidu nitriku ġie stabbilit għal 4,86 CNY/kg, li rriżulta f'reviżjoni tal-marġni tad-dumping għal Hubei Hongyuan u għall-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw (il-premessa (61)). Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha dwar il-bidla fil-parametru referenzjarju tal-aċidu nitriku permezz tad-divulgazzjoni finali addizzjonali.

(38) Wara d-divulgazzjoni finali addizzjonali, Hubei Hongyuan argumentat li l-prezz medju tal-esportazzjoni internazzjonali fil-livell frank abbord diġà jikkonforma mal-Artikolu 2.6a(a) tar-Regolament bażiku u mar-regoli tad-WTO, u li l-bidla għal parametru referenzjarju bbażat fuq is-CIF f'dan l-istadju finali tkun inġusta u diskriminatorja. Il-kumpanija enfasizzat li l-prezzijiet tax-xiri tal-aċidu nitriku tagħha ma jinkludux il-merkanzija internazzjonali, l-assigurazzjoni fuq il-baħar, jew id-dazji tal-importazzjoni. Hubei Hongyuan sostniet li kwalunkwe aġġustament jenħtieġ li jirrispetta l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u tat-trattament ugwali, u argumentat li l-Kummissjoni jenħtieġ li ma tbiddilx il-metodu bbażat fuq talba ta' produttur esportatur ieħor mingħajr raġunijiet ġustifikati. Barra minn hekk, Trade Corporation International argumentat fis-sottomissjoni tagħha li l-aġġustament fil-parametru referenzjarju tal-aċidu nitriku ma kienx iġġustifikat minħabba nuqqas ta' evidenza jew ta' raġunament biex jiġi appoġġat l-aġġustament. Il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-affermazzjonijiet minħabba li l-parametru referenzjarju jenħtieġ li jirrifletti l-prezz tal-fatturi tal-produzzjoni fis-suq tal-pajjiż rappreżentattiv, li awtomatikament irid jinkludi l-kostijiet imġarrba biex dak il-prodott jitqiegħed fis-suq, inkluż il-kost sħiħ tal-prodott ikkonsenjat.

([7]) OECD Data Explorer • International transport and insurance costs of merchandise trade (ITIC).

(39) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, Xinjiang Guolin sostniet ulterjorment li l-parametru referenzjarju tal-Kummissjoni għall-aċidu ossiliku (prodott sekondarju manifatturat minn Hubei Hongyuan) kien ogħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet tal-importazzjoni medji internazzjonali ta' 10,68 CNY/kg mill-bażi tad-data Comtrade tan-NU u ħaseb biex jitnaqqas ammont sinifikanti mill-valur normali maħdum ta' Hubei. Xinjiang Guolin ħeġġet lill-Kummissjoni ssib prezz aktar affidabbli u rappreżentattiv għall-aċidu ossaliku u pproponiet li tapplika jew il-prezz tal-importazzjoni tal-aċidu ossaliku fil-pajjiżi kollha ta' 10,69 CNY/kg mill-bażi tad-data Comtrade tan-NU, jew li tapplika l-medja tal-prezzijiet tas-suq tal-Unjoni u tal-Istati Uniti għall-aċidu ossaliku ta' 12,35 CNY/kg.

(40) Il-Kummissjoni ċċarat li l-valur normali għal Hubei Hongyuan inħadem fuq il-bażi tar-rekords kontabilistiċi attribwiti esklużivament għall-proċess tal-manifattura tal-aċidu gliossiliku. Peress li l-kost tal-manifattura tal-aċidu ossaliku ġie rreġistrat separatament fil-kontabilità, il-Kummissjoni ma kellhiex tnaqqas il-kost tal-manifattura tagħha fil-kostruzzjoni tal-valur normali tal-aċidu gliossiliku. Għalhekk, il-parametru referenzjarju għall-aċidu ossaliku, ippubblikat fir-Regolament proviżorju fit-Tabella 1-*Fatturi ta' produzzjoni tal-aċidu gliossiliku*, fl-aħħar mill-aħħar ma ntużax mill-Kummissjoni u ma kellux impatt fuq il-kalkolu tal-valur normali ta' Hubei Hongyuan. L-asserzjoni għalhekk ġiet ikkunsidrata bħala irrilevanti.

(41) Barra minn hekk, Xinjiang Guolin spjegat li l-kumpanija kellha żewġ fabbriki, waħda f'Xinjiang u oħra f'Shandong. Xinjiang Guolin allegat li l-Kummissjoni żiedet il-kost tal-manifattura tal-anidride malejka billi żiedet l-ispejjeż tat-trasport lejn il-fabbrika ta' Xinjiang Guolin f'Xinjiang tal-anidride malejka mixtrija mal-kost ikkalkulat mill-ġdid tal-anidride malejka, kif ukoll il-kostijiet tat-trasport bejn iż-żewġ fabbriki ta' Xinjiang Guolin. Xinjiang Guolin iddikjarat li l-Kummissjoni kienet diġà kkunsidrat il-kostijiet tat-trasport tal-anidride malejka meta użat il-prezz tal-importazzjoni CIF Kolombjan tal-anidride malejka, peress li l-prezz CIF diġà kien fih il-merkanzija domestika fil-pajjiżi esportaturi u l-merkanzija ttrasportata bil-baħar u l-assigurazzjoni. Xinjiang Guolin affermat li jidher li l-Kummissjoni għoddiet il-kostijiet tat-trasport darbtejn fil-kost ikkalkolat mill-ġdid tal-manifattura tal-anidride malejka meta ssostitwiet il-valur tal-anidride malejka bil-prezz tal-importazzjoni CIF Kolombjan u talbet li jitneħħa l-kost tat-trasport.

(42) Il-Kummissjoni qablet li l-parametru referenzjarju Kolombjan għall-anidride malejka kien fil-livell tal-prezz CIF u kien jinkludi l-kostijiet tat-trasport lejn il-fruntiera. Madankollu, hija l-prattika konsistenti tal-Kummissjoni li tinkludi l-kostijiet tat-trasport mill-fruntiera sal-bieb tal-fabbrika meta tikkalkula l-valur normali. Il-kalkolu tal-valur normali jinkludi żieda fil-valur tal-parametru referenzjarju internazzjonali bil-proporzjon tal-kostijiet tat-trasport għall-kostijiet materjali, kif irrappurtat mill-produtturi esportaturi. Huwa biss billi jiżdiedu dawn il-kostijiet li l-valur tal-materjali ta' input, kif imwasslin sal-bieb tal-fabbrika ta' produttur fil-pajjiż rappreżentattiv, jiġi rifless kif xieraq. Għalhekk, fil-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni talbet informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet tat-trasport internazzjonali u domestiku, id-dazji applikabbli, u t-taxxi applikabbli mġarrba għax-xiri ta' materjali fil-munita kontabilistika. Abbażi tal-kwestjonarju vverifikat ta' Xinjiang Guolin, il-Kummissjoni nnotat li l-kost tat-trasport reali relatat max-xiri tal-anidride malejka ġie speċifikat fuq il-fattura. Dan il-kost tat-trasport żdied fil-kalkolu tal-valur normali.

(43) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li ma tħallas l-ebda kost tat-trasport għall-vjeġġ tal-kristalli tal-aċidu gliossiliku mill-fabbrika f'Xinjiang għall-fabbrika f'Shandong. Fin-nuqqas ta' kost reali tat-trasport imħallas, il-kost tat-trasport tal-kristalli tal-aċidu gliossiliku mill-fabbrika f'Xinjiang għall-fabbrika f'Shandong ġie stmat minn Xinjiang Guolin, f'dokument sotomess wara ż-żjara ta' verifika. Wara l-kummenti sottomessi minn Xinjiang Guolin, il-Kummissjoni allokat mill-ġdid din l-istima tal-kost tat-trasport tal-prodott nofsu lest għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, peress li l-kost tat-trasport bejn iż-żewġ fabbriki tal-istess entità legali kien dovut għall-manifattura tal-kristalli tal-aċidu gliossiliku (il-kost tal-manifattura kien jikkonsisti fl-anidride malejka, ix-xogħol, l-elettriku, l-ilma, eċċ.), u l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura tqiesu bħala l-kategorija x-xierqa fil-ħdim tal-valur normali. Għalhekk, l-asserzjoni ġiet aċċettata parzjalment u l-marġni tad-dumping għal Xinjiang Guolin ġie kkalkulat mill-ġdid. Il-marġni tad-dumping definittiv għal Xinjiang Guolin ġie stabbilit fil-premessa (61).

(44) Wara d-divulgazzjoni finali, Hubei Hongyuan affermat li l-volum tal-importazzjoni tal-MEG fil-Kolombja kien limitat peress li ammonta għal 4 961 tunnellata biss. Hubei Hongyuan talbet lill-Kummissjoni tanalizza parametri referenzjarji potenzjali oħra, billi ssegwi l-eżempju tal-anidride malejka. Hubei Hongyuan affermat li l-Kummissjoni jenħtieġ li tuża l-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat mill-Istati Uniti lejn il-pajjiżi kollha fiddinja (l-esportazzjonijiet lejn iċ-Ċina u pajjiżi oħrajn mhux tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ġew eskluż) fil-livell tal-Kost, tal-Assigurazzjoni u tan-Nol ("CIF") bħala l-aktar parametru referenzjarju xieraq għall-MEG.

(45) Il-Kummissjoni qieset li Hubei Hongyuan ma ssostanzjatx l-affermazzjoni li l-prezz medju tal-importazzjoni tal-MEG lejn il-Kolombja kien esaġerat. Hubei Hongyuan irrimarkat sempliċiment li l-volumi tal-importazzjoni tal-MEG lejn il-Kolombja kienu limitati iżda ma ppreżentat l-ebda evidenza li l-valur referenzjarju ma kienx raġonevoli, ma kienx xieraq jew ma kienx affidabbli. L-asserzjoni inċaħdet.

(46) Wara d-divulgazzjoni finali, Hubei Hongyuan affermat li l-parametru referenzjarju għall-gliossal kien esaġerat. Hija affermat li l-prezz unitarju tal-gliossal użat mill-Kummissjoni varja minn CNY 3,15/kg għal 2 269,5 CNY/kg, u l-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet kellhom impatt u żiedu l-kalkolu tal-parametru referenzjarju. Hubei Hongyuan talbet lill-Kummissjoni biex tuża l-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat mill-Istati Uniti lejn il-pajjiżi kollha fid-dinja (l-esportazzjonijiet lejn iċ-Ċina u pajjiżi oħrajn mhux tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ġew eskużi) fil-livell tal-Kost, tal-Assigurazzjoni u tan-Nol ("CIF") bħala l-aktar parametru referenzjarju xieraq għall-gliossal.

(47) Il-Kummissjoni nnotat li l-valuri estremi kkwotati minn Hubei Hongyuan kienu jikkonċernaw biss kwantità limitata ħafna ta' importazzjonijiet ta' gliossal (żewġ każijiet ta' importazzjonijiet ta' 0,1 kg ta' gliossal). Bħala tali, din l-estremità kienet negliġibbli fil-volum globali tal-importazzjonijiet u kellha impatt negliġibbli fuq il-kalkolu tal-valur tal-parametru referenzjarju tal-gliossal. Il-bqija tad-data dwar l-importazzjoni hija konsistenti u ma ġietx ikkontestata minn Hubei Hongyuan. L-asserzjoni inċaħdet.

(48) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-konklużjonijiet fil-premessi minn (120) sa (162) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.3. **Prezz tal-esportazzjoni**

(49) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-konklużjonijiet fil-premessi minn (163) sa (164) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.4. **Tqabbil**

(50) Fis-sottomissjonijiet tagħhom wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, Hubei Hongyuan u Xinjiang Guolin innotaw li l-kostijiet SG&A tal-kumpanija Kolombjana Sucroal S.A. użati mill-Kummissjoni biex jinħadem il-valur normali jinkludu "l-kost ta' distribuzzjoni", li kien jikkorrispondi għal elementi tal-kost li kienu spejjeż diretti mġarrba lil hinn mil-livell ex-works. Tabilħaqq, dawn ma kellhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-valur normali maħdum tal-kumpanija taħt investigazzjoni.

(51) Il-Kummissjoni nnotat li l-"kostijiet tad-distribuzzjoni" rrapportati minn Sucroal S.A. kienu parti mill-kostijiet SG&A. Dan intwera mill-fatt li "kostijiet oħrajn" irrappurtati fil-bażi tad-data Orbis, huma diżaggregati f'"kostijiet tad-distribuzzjoni", f'"kostijiet amministrattivi" u f'"kostijiet oħrajn" fid-data pprovduta mill-awtoritajiet Kolombjani. Id-data disponibbli ma għamlitx distinzjoni ulterjuri fil-kostijiet tad-distribuzzjoni li tkun tippermetti l-identifikazzjoni u l-esklużjoni ta' kategoriji speċifiċi ta' kostijiet. Bħala tali, il-kostijiet tad-distribuzzjoni huma kostijiet tal-bejgħ, li jistgħu jinkludu kostijiet tat-trasport, iżda wkoll kategoriji oħrajn ta' kostijiet, bħal-lokazzjoni ta' faċilitajiet tal-ħżin u tad-distribuzzjoni, inkluż il-makkinarju u l-vetturi meħtieġa, jew ir-reklamar u r-riċerka dwar is-suq, li ma tnaqqsux mill-prezz tal-esportazzjoni. Fil-fatt, tali kostijiet jappartjenu għal-livell ta' kummerċ ex-works u ma jitneħħewx fin-netting lura għal dak il-livell ta' kummerċ. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li Hubei Hongyuan, jew Xinjiang Guolin ma pprovdewx evidenza dwar id-diżaggregazzjoni ta' dawn il-kostijiet tad-distribuzzjoni biex jappoġġaw l-asserzjoni li ma jiġux inklużi fil-valur normali. Għaldaqstant, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(52) Wara d-divulgazzjoni finali, Hubei Hongyuan talbet lill-Kummissjoni biex tnaqqas il-"kostijiet tad-distribuzzjoni" mill-kostruzzjoni ta' Sucroal tal-SG&A filwaqt li speċifikat li l-livell "ex works" ifisser li l-bejjiegħ jikkonsenja meta jqiegħed l-oġġetti għad-dispożizzjoni tax-xerrej fil-bini tal-bejjiegħ jew f'post imsemmi ieħor (jiġifieri post tax-xogħol, fabbrika, maħżen, eċċ.), filwaqt li ċċarat b'mod ulterjuri li l-bejjiegħ ma għandux bżonn jgħabbi l-merkanzija fuq xi vettura tal-ġbir, u lanqas ma għandu bżonn jiżdogana l-merkanzija għall-esportazzjoni, meta tali żdoganar huwa applikabbli. Hubei Hongyuan talbet lill-Kummissjoni biex tnaqqas kwalunkwe spiża tat-trasport inkluża fl-SG&A. Hubei Hongyuan affermat ukoll li l-Kummissjoni ma għandhiex telimina b'mod inġust l-ispejjeż tal-bejgħ dirett inklużi fil-"kostijiet tad-distribuzzjoni" u tagħmel dannu lill-interessi tal-esportaturi inklużi fil-kampjun minħabba li l-Kummissjoni ma setgħatx tikseb l-informazzjoni tad-diżaggregazzjoni dettaljata biex tagħmel distinzjoni ulterjuri tal-kostijiet tad-distribuzzjoni li għandhom jippermettu l-identifikar u l-esklużjoni ta' kategoriji speċifiċi tal-kostijiet. Hubei Hongyuan argumentat li jekk il-Kummissjoni finalment ma setgħetx tikseb id-data rilevanti biex tagħmel distinzjoni ulterjuri fi ħdan il-kostijiet tad-distribuzzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni jew tnaqqas il-"kostijiet tad-distribuzzjoni" kollha mingħajr ma tagħmel aktar distinzjoni jew tagħmel aġġustament fil-prezz tal-esportazzjoni billi tinkludi l-ispejjeż tat-trasport.

(53) Il-Kummissjoni osservat li l-IFRS (l-istandards IAS 1) jiddefinixxi il-kost tad-distribuzzjoni bħala wieħed mill-elementi fil-kost tal-bejgħ u jaċċetta l-kategorija fil-kostruzzjoni tal-SG&A. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li ma kienet faċilment disponibbli l-ebda informazzjoni dettaljata li tikkonċerna d-diżaggregazzjoni tal-SG&A ta' Sucroal relatata mal- "kostijiet tad-distribuzzjoni", u lanqas ma għamluha disponibbli l-produtturi esportaturi (Hubei Hongyuan jew Xinjiang Guolin) biex jippermettu lill-Kummissjoni tnaqqas kwalunkwe kost tat-trasport possibbli lil hinn mil-livell ta' "kif joħroġ mill-fabbrika". Il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni peress li Hubei Hongyuan naqas milli juri li l-kostijiet SG&A użati mill-Kummissjoni ma kinux diġà rrapportati fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika, jew li kienu se jwasslu għal ammont għall-kostijiet SG&A li ma jkunux "raġonevoli" f'dak il-livell ta' kummerċ, skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(54) Barra minn hekk, Xinjiang Guolin talbet lill-Kummissjoni biex teskludi l-kontribuzzjoni SG&A u tal-profitt ta' Qingdao Guolin (il-kumpanija omm responsabbli mill-bejgħ internazzjonali) mill-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni billi saħqet li Qingdao Guolin ma twettaqx il-funzjoni ta' aġent. Xinjiang Guolin saħqet li Xinjiang Guolin u Qingdao Guolin kienu soġġetti għal kontroll ekonomiku uniku, joperaw flimkien bħala impriża waħda b'diviżjoni tal-funzjonijiet għall-finijiet tal-produzzjoni u l-kummerċ tal-prodott taħt investigazzjoni, u r-relazzjonijiet tagħhom ma humiex ibbażati fuq kummissjoni mħallsa simili għal dawk ta' aġenzija. Xinjiang Guolin sostniet li Qingdao Guolin (il-kumpanija omm) kienet 100 % proprjetà ta' Xinjiang Guolin u li Qingdao Guolin kienet responsabbli mill-bejgħ kollu tal-esportazzjoni tal-aċidu gliossiliku, filwaqt li Xinjiang Guolin operat bħala fabbrika għal Qingdao Guolin u rregolat esklużivament il-bejgħ domestiku.

(55) Kif spjegat fil-premessa (174) tar-Regolament proviżorju, saru aġġustamenti fil-prezz tal-esportazzjoni fejn il-prodotti nbiegħu mill-kumpanija produttur lil kumpaniji oħrajn fl-istess grupp u mbagħad ġew esportati lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku għaż-żieda riċevuta mill-kummerċjant relatat, kull meta n-negozjanti kienu kkunsidrati li jwettqu funzjonijiet simili għal dawk ta' aġent li jaħdem fuq bażi ta' kummissjoni. Il-Kummissjoni nnotat li t-tweġibiet għall-kwestjonarju sottomessi minn Xinjiang Guolin, u b'mod partikolari l-preżentazzjoni tal-kumpanija ta' Qingdao Guolin u d-dijagramma sekwenzjali tal-bejgħ għall-esportazzjoni, jikkaratterizzaw il-kumpanija omm bħala "kummerċjant" u juru l-eżistenza ta' negozjati dwar termini kummerċjali bejn il-kumpanija li tipproduċi (Xinjiang Guolin) u l-kummerċjant (Qingdao Guolin).

(56) Il-Kummissjoni nnotat ulterjorment l-eżistenza ta' memorandum bejn Xinjiang Guolin u Qingdao Guolin li jirregola esklużivament il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Il-memorandum kien fih klawżoli li jistipulaw perċentwal tal-prezz, skont it-tip ta' aċidu gliossiliku, li kien impost għall-benefiċċju tal-kumpanija maniġerjali. Aktar importanti minn hekk, il-kuntratt ta' xiri domestiku bejn Xinjiang Guolin u Qingdao Guolin kien fih klawżoli dwar is-soluzzjoni ta' tilwim quddiem qorti. L-eżistenza ta' din l-evidenza tipprekludi l-karatterizzazzjoni tal-kumpaniji ta' Guolin ibbażati fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bħala entità ekonomika waħda, li fiha Qingdao Guolin hija dipartiment tal-bejgħ intern ta' Xinjiang Guolin. Skont il-każistika ([8]), il-preżenza ta' klawżola ta' arbitraġġ intiża sabiex issolvi tilwim kuntrattwali li jista' jinqala' bejn iż-żewġ kumpaniji kontraenti u n-nuqqas ta' solidarjetà bejn dawn il-kumpaniji tippresupponi mhux biss l-eżistenza ta' żewġ persuni ġuridiċi distinti, iżda wkoll żewġ entitajiet ekonomiċi li għandhom interessi diverġenti, u ma tidhirx li tista' tiġi rrikonċiljata mal-eżistenza ta' entità ekonomika waħda u mal-klassifikazzjoni ta' waħda minn dawn il-kumpaniji bħala dipartiment tal-bejgħ intern ([9]). Ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni simili għall-bejgħ domestiku tal-kumpanija maniġerjali. Għalhekk, l-asserzjoni li Xinjiang Guolin u Qingdao Guolin jikkostitwixxu entità ekonomika waħda ġiet miċħuda.

(57) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-konklużjonijiet fil-premessi minn (165) sa (174) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.5. **Marġni tad-dumping**

(58) Kif deskritt fil-premessa (33) hawn fuq, wara talbiet minn Xinjiang Guolin rigward il-valur referenzjarju għall-anidride malejka, il-Kummissjoni rrevediet il-marġnijiet tad-dumping.

([8]) Ara pereżempju s-Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2015 fil-Kawża T-26/12 PT Musim Mas (p. 56-58); Is-Sentenza tal-14 ta' Settembru 2022 fil-Kawża T-865/19 AO Nevinnomysskiy Azot and *NAK Azot* vs Il-Kummissjoni (p. 93-95).

([9]) Ara pereżempju s-Sentenza tal-11 ta' Settembru 2024, *Sveza Verkhnyaya Sinyachikha NAO et vs Il-Kummissjoni Ewropea*, T-2/22, ECLI:EU:T:2024:615, para. 57.

(59) Wara l-iżvelar minn qabel, Guangdong Joy Chemical Co., Ltd, Inner Mongolia Tianyuda Biological Technology Co., Ltd. u Jinyimeng Group Co., Ltd. issottomettew kummenti dwar il-metodoloġija tal-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping. It-tliet produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun kollha allegaw li l-proċess tal-manifattura tagħhom kien identiku għal dak ta' Hubei Hongyuan u l-kostijiet tal-produzzjoni tagħhom kienu simili dawk ta' Hubei Hongyuan. It-tliet produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun saħqu li ma kienx xieraq u ma kienx sew li tiġi applikata medja tal-marġnijiet tad-dumping ikkalkolati għal Hubei Hongyuan u Xinjiang Guolin, peress li l-ebda wieħed mill-produtturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun ma uża l-proċess tal-manifattura ta' Xinjiang Guolin jew l-istess materja prima. It-tliet produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun talbu lill-Kummissjoni tapplika l-istess dazju anti-dumping bħal dak ta' Hubei Hongyuan.

(60) Il-Kummissjoni fakkret li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 25 %-35 % tal-esportazzjonijiet totali lejn l-Unjoni tal-aċidu gliossiliku u 40 %-50 % tal-kwantitajiet irrapportati mill-produtturi esportaturi li kkooperaw. Għalhekk, il-kampjun kien rappreżentattiv għall-produtturi esportaturi Ċiniżi. Il-Kummissjoni fakkret ukoll li ma wasal l-ebda kumment dwar il-kampjun magħżul. Il-Kummissjoni kienet applikat il-metodoloġija stabbilita fir-Regolament bażiku għall-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping tal-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, jiġifieri kienet attribwiet lil dawk il-partijiet id-dazju medju ponderat ta' żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. L-asserzjoni ġiet miċħuda.

(61) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi espressi bħala perċentwal tal-prezz tal-kost, tal-assigurazzjoni u tan-nol (CIF) fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv
Hubei Hongyuan	29,2 %
Xinjiang Guolin	130,0 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	64,0 %
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	210,5 %

4. DANNU

4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(62) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, Trade Corporation argumentat li s-sejbiet tal-investigazzjoni rigward id-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni huma żbaljati minħabba li l-Kummissjoni bbażathom fuq il-"prestazzjoni u ċ-ċirkostanzi ta' kumpanija waħda, li jistgħu ma jkunux rappreżentattivi ta' kuntest usa' tal-industrija". Kif spjegat fin-Notifika tal-bidu, l-ilmentatur jirrappreżenta l-industrija tal-Unjoni skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku, u għalhekk il-kummenti ta' Trade Corporation huma miċħuda.

(63) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, is-sejbiet fil-premessi minn (184) sa (186) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

4.2. Id-determinazzjoni tas-suq tal-Unjoni rilevanti

(64) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar is-suq tal-Unjoni rilevanti, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn (187) sa (191) tar-Regolament proviżorju.

4.3. **Konsum tal-Unjoni**

(65) Fil-premessa (194) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni spjegat li l-aċidu gliossiliku jinbiegħ bħala żewġ preparazzjonijiet, jew soluzzjoni ta' 50 % ta' aċidu gliossiliku jew kristalli ta' monoidrat ta' aċidu gliossiliku. Biex tqabbel it-tipi differenti ta' aċidu gliossiliku, il-Kummissjoni nnotat li tunnellata ta' kristalli tal-aċidu gliossiliku tipikament fiha 78,8 % ta' aċidu gliossiliku, filwaqt li tunnellata ta' soluzzjoni ta' aċidu gliossiliku tipikament fiha 50 % ta' aċidu gliossiliku. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li tunnellata ta' kristalli tal-aċidu gliossiliku hija ekwivalenti għal 1 576 tunnellata ta' soluzzjoni ta' aċidu gliossiliku. Peress li l-uniku produttur magħruf tal-kristalli tal-aċidu gliossiliku huwa Xinjiang Guolin, il-konverżjoni ġiet applikata biss għall-kwantità tagħha ta' kristalli esportati lejn l-UE.

(66) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, il-produttur esportatur Xinjiang Guolin oppona l-użu tal-fattur ta' konverżjoni ta' 1 576 tunnellata biex l-aċidu gliossiliku tal-kristall jiġi kkonvertit għal 50 % aċidu gliossiliku likwidu. Il-kumpanija tenniet dan il-kumment wara d-divulgazzjoni finali, iżda ma pprovdiet l-ebda element addizzjonali f'dan ir-rigward.

(67) Il-Kummissjoni osservat li l-kalkolu tal-fattur ta' konverżjoni kien ibbażat fuq it-tqabbil tal-kontenut reali ta' PUI tal-aċidu gliossiliku solidu u s-soluzzjoni ta' 50 %. Biex tikkalkula l-kontenut tal-aċidu gliossiliku, il-Kummissjoni qieset il-purità ta' 98 % għall-aċidu gliossiliku monoidrat fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott tal-kristalli, u mhux fuq il-fattur ta' konverżjoni bejn iż-żewġ forom kif irrapportati għall-fabbrika ta' Guolin, peress li dan huwa irrilevanti għall-kontenut attwali tal-aċidu gliossiliku. Fuq dik il-bażi u meta jitqies il-piż molekulari tal-monoidrat ta' aċidu gliossiliku u tal-aċidu gliossiliku, il-Kummissjoni kkalkolat li 1 576 kg ta' soluzzjoni ta' 50 % fihom l-istess ammont ta' aċidu gliossiliku bħal kilogramma waħda ta' kristalli. Għalhekk, l-asserzjoni nċaħdet.

(68) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn dwar il-konsum tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn (192) sa (196) tar-Regolament proviżorju.

4.4. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.4.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina*

(69) Jaer, utent, ikkummenta li l-Kummissjoni kellha tibbaża l-analiżi tad-dannu tagħha fuq il-volum assolut tal-importazzjonijiet u mhux fuq is-sehem tal-importazzjonijiet fis-suq tal-Unjoni. Huwa asserixxa li t-tnaqqis fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat ma huwiex relatat mal-importazzjonijiet Ċiniżi peress li l-volum tal-importazzjonijiet naqas bi 13 % matul l-istess perjodu. Il-Kummissjoni nnotat li, kif spjegat fil-premessa (201) tar-Regolament proviżorju, kien hemm tnaqqis fl-importazzjonijiet, marbut mat-tnaqqis fid-domanda. Minkejja t-tnaqqis fil-volumi, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied bi 18 % (11-il punt perċentwali). L-evoluzzjoni tas-sehem mis-suq esprimiet kif xieraq is-sostituzzjoni tal-prodott tal-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet Ċiniżi, li min-naħa tagħhom ikkawżaw it-telf fil-profittabbiltà; Għalhekk, l-asserzjoni miċħuda.

(70) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-premessi minn (197) sa (201) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

4.4.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u twaqqigħ tal-prezz*

(71) Jaer asserixxiet li ma kien hemm l-ebda tnaqqis fil-prezzijiet fil-perjodu kkunsidrat peress li matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezz tal-industrija tal-Unjoni kien ogħla mill-prezzijiet fl-2021 u wera biss tnaqqis moderat rilevanti għall-2023, li Jaer asserixxiet li kien f'konformità mal-kostijiet tal-enerġija mnaqqsa. Il-Kummissjoni nnotat li l-bidla fl-indiċi tal-prezzijiet għall-perjodu kkunsidrat fi Franza, il-pajjiż fejn hija bbażata l-industrija tal-Unjoni, kienet ta' 13,6 % ([10]). Kif stabbilit fil-premessa (225) tar-Regolament proviżorju, il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni kienu żdiedu bi 12 % matul dak il-perjodu. Għalhekk, filwaqt li titqies l-inflazzjoni, il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni huma aktar baxxi milli fl-2021.

(72) Jaer asserixxiet ukoll li ma kien hemm l-ebda soppressjoni tal-prezzijiet ikkawżata mill-importazzjonijiet Ċiniżi peress li dawn tal-aħħar naqsu biss b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-Kummissjoni fakkret li, kif iddikjarat fil-premessa (205) tar-Regolament proviżorju, l-industrija tal-Unjoni, iffaċċjata b'telf tas-sehem mis-suq minħabba kompetizzjoni ma' importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping orħos, naqqset il-prezz tagħha għal livelli ferm aktar baxxi mill-kost tal-manifattura, biex iżżomm volum ta' bejgħ li jippermettilhom jipproduċu. Ir-riżultat tal-inabbiltà tagħhom li jgħollu l-prezzijiet irriżulta f'telf sinifikanti, u dan ikkawża dannu lill-industrija tal-Unjoni. L-asserzjonijiet ta' Jaer inċaħdet.

([10]) Consumer prices - inflation - Statistics Explained - Eurostat.

(73) Fil-premessi minn (206) sa (207) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni infurmat dwar kif ġie ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz. B'mod partikolari, il-Kummissjoni spjegat li l-prezzijiet medji ponderati għal kull tip ta' prodott ġew ikkalkolati abbażi tal-Kost, l-assigurazzjoni u n-nol (CIF), filwaqt li tqiesu d-dazji doganali u l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni. Bħala l-ewwel pass f'dawn il-kalkoli, it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni ġew ikkategorizzati skont in-Numru ta' Kontroll tal-Prodott (PCN, Product Control Number). Fir-rigward tal-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, Xinjiang Guolin oġġezzjonat għall-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' xi tranżazzjonijiet mill-kwalità standard PCN "S" għall-kwalità għolja PCN "H". Il-kumpanija pprovdiet ċertifikati ta' analiżi li juru li l-impuritajiet kienu tali li kkwalifikaw il-prodott taħt il-PCN "S". Għalhekk, it-talba ntlaqgħet, u t-tranżazzjonijiet kollha ġew ikklassifikati taħt il-PCN "S".

(74) Fil-kummenti tagħha għad-divulgazzjoni finali, Xinjiang Guolin ikkontestat ukoll dikjarazzjoni fil-paragrafu (59) fid-dokument ta' informazzjoni finali li qalet li Guolin kienet oġġezzjonat għall-kalkolu tal-kostijiet ta' wara l-importazzjoni għall-aċidu gliossiliku tal-kristall. Guolin issottomettiet li qatt ma kienet għamlet asserzjoni bħal din. Tabilħaqq, il-korrezzjoni ta' dan l-iżball fil-kalkoli provviżorji ma ġietx iddikjarata minn Guolin, iżda ġiet identifikata u kkoreġuta mill-Kummissjoni. Il-korrezzjoni ġiet divulgata lill-partijiet fid-dokument ta' divulgazzjoni finali.

(75) Fil-fatt, il-Kummissjoni kienet osservat li l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni kienu ġew ikkalkolati fuq il-kwantitajiet wara l-konverżjoni tal-kristalli għal soluzzjoni ta' 50 %, filwaqt li dawn kellhom jiġu kkalkolati abbażi tal-kwantità attwali ta' kristalli tal-aċidu gliossiliku. Għalhekk, dan ġie kkoreġut mill-Kummissjoni mad-divulgazzjoni finali.

(76) Wara d-divulgazzjoni finali, Xinjiang Guolin affermat ukoll li jekk il-Kummissjoni tikkonverti l-esportazzjonijiet tal-kristall għall-volum tas-soluzzjoni, jenħtieġ li taġġusta l-prezz tal-esportazzjoni biex jirrifletti din il-konverżjoni billi żżid EUR 0,06 għal kull Kg li huwa ddikjarat li huwa l-kost għall-konverżjoni tal-kristalli lura f'likwidi. Madankollu, dan il-kost addizzjonali tal-konverżjoni huwa parti mill-istruttura tal-kostijiet tax-xerrejja tal-kristalli u mhux parti mill-prezz tal-esportazzjoni. Għalhekk, din l-asserzjoni nċaħdet.

(77) Minħabba l-asserzjonijiet stabbiliti hawn fuq, il-marġni medju ponderat tat-twaqqigħ tal-prezz għall-importazzjonijiet miċ-Ċina fis-suq tal-Unjoni ġie rivedut u huwa bejn 12 % u 30 %.

(78) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (202) sa (207) tar-Regolament proviżorju.

4.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.5.1. *Kummenti ġenerali*

(79) Fin-nuqqas ta' kummenti minbarra dawk indirizzati fil-premessa (62) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn (208) sa (211) tar-Regolament proviżorju.

4.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.5.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(80) Jaer asserixxiet li l-Kummissjoni ma wrietx dannu fl-analiżi tagħha tal-volumi tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Il-kumpanija osservat li kien hemm żieda fil-produzzjoni ta' 38 % fil-perjodu ta' investigazzjoni (Lulju 2023 sa Ġunju 2024) rilevanti għall-2023. Il-Kummissjoni nnotat li l-analiżi tad-dannu tqis ix-xejriet matul il-perjodu kkunsidrat. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-kwantità tal-produzzjoni kienet f'livell ta' 47 % tal-livelli fl-2021. Kif spjegat fil-premessa (213) tar-Regolament proviżorju, iż-żieda marġinali fil-volum tal-produzzjoni minn 41 % imqabbel mal-2021 fl-2023 għal 47 % meta mqabbel mal-2021 fil-perjodu ta' investigazzjoni, li fiha nnifisha hija fi kwalunkwe każ żieda ta' ordni limitat, kienet biss possibbli billi jitnaqqsu l-prezzijiet taħt il-kostijiet tal-produzzjoni, minħabba kompetizzjoni ma' importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping, u għalhekk wasslet għal telf saħansitra akbar kif muri fil-premessa (232) tar-Regolament proviżorju. Għalhekk, l-asserzjoni nċaħdet.

(81) Fin-nuqqas ta' kummenti għajr dawk indirizzati fil-premessa (80), il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn (212) sa (214) tar-Regolament proviżorju.

4.5.2.2. Kwantità ta' bejgħ u sehem mis-suq

(82) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn (215) sa (217) tar-Regolament proviżorju.

4.5.2.3. Tkabbir

(83) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha stabbiliti fil-premessa (218) tar-Regolament proviżorju.

4.5.2.4. Impjiegi u produttività

(84) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn (219) sa (221) tar-Regolament proviżorju.

4.5.2.5. Id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping fil-passat

(85) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha stabbiliti fil-premessi (222) u (223) tar-Regolament proviżorju.

4.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(86) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn (224) sa (227) tar-Regolament proviżorju.

4.5.3.2. Kostijiet lavorattivi

(87) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha stabbiliti fil-premessi (228) u (229) tar-Regolament proviżorju.

4.5.3.3. Inventarji

(88) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha stabbiliti fil-premessi (228) u (229) tar-Regolament proviżorju.

4.5.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(89) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha stabbiliti fil-premessi (232) u (237) tar-Regolament proviżorju.

4.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(90) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet, abbażi tas-sejbiet iddivulgati fir-Regolament proviżorju, li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

5. KAWŻALITÀ

5.1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

(91) Jaer asserixxiet li t-tnaqqis fis-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kif muri fit-tnaqqis tal-produzzjoni u tal-profittabbiltà ma huwiex relatat mal-importazzjonijiet Ċiniżi peress li l-volum tagħhom naqas mill-2021.

(92) Kif diskuss fit-taqsima 4.5 tar-Regolament proviżorju, id-data fil-perjodu kkunsidrat uriet b'mod ċar l-ispostament tal-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx fis-suq ħieles, li wassal għal tnaqqis fil-produzzjoni tal-Unjoni. L-aktar effett evidenti huwa fuq l-użu tal-kapaċità li naqas taħt il-50 %, rata mhux sostenibbli għall-industrija kimika, kif muri mit-telf tal-profittabbiltà. Ir-rabta bejn it-telf mis-sehem tas-suq u t-tnaqqis fil-produzzjoni fuq naħa waħda u l-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx fuq l-oħra, tidher b'mod ċar fil-perjodu tal-investigazzjoni, fejn l-industrija tal-Unjoni setgħet terġa' tikseb xi sehem mis-suq u żżid il-produzzjoni billi tnaqqas il-prezzijiet, għalkemm ġarrbet telf sinifikanti. Għalhekk, l-asserzjoni nċaħdet.

(93) Trade Corporation asseriet li l-Kummissjoni ma stabbilitx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet u d-dannu, minħabba li ma kinitx stabbiliet li l-industrija tal-Unjoni hija produttur effiċjenti u li t-telf allegat tagħha ma huwiex dovut għall-imġiba tagħha stess. Madankollu, l-utent ma pprovda l-ebda evidenza biex jappoġġa l-asserzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni nnotat fil-premessi minn (238) sa (244) tar-Regolament proviżorju li l-industrija tal-Unjoni marret tajjeb fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat u l-indikaturi tad-dannu ġeneralment kienu f'livelli b'saħħithom fl-2021. Sal-2022, din użat il-kapaċità tal-produzzjoni u gawdiet minn livell b'saħħtu ta' profittabbiltà. Madankollu, mill-2022, biż-żieda tal-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet baxxi, l-industrija tal-Unjoni rat tnaqqis fil-bejgħ, fis-sehem mis-suq u fil-profittabbiltà kif ukoll tnaqqis korrispondenti fil-produttività. Barra minn hekk, fil-premessa (246) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni stabbiliet li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ta' aċidu gliossiliku żdied bi 18 % fil-perjodu kkunsidrat. Matul l-istess perjodu, kif stabbilit fil-premessi minn (215) sa (217) tar-Regolament proviżorju, l-industrija tal-Unjoni rat il-volum tal-bejgħ tagħha jonqos bi 48 % u s-sehem mis-suq tagħha bi 30 %. Għalhekk, fil-premessa (248) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet li żieda sinifikanti fis-sehem mis-suq għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ bi prezzijiet li kienu qed iwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-Unjoni, ikkawżat dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(94) Wara d-divulgazzjoni finali, Jaer iddikjarat li l-analiżi ġenerali tad-dannu u tar-rabta kawżali ma pprovdietx spjegazzjoni raġonevoli u ġġustifikata li kien hemm dannu lill-industrija tal-Unjoni kkawżat mill-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat u li l-analiżi kienet preġudikata mill-għażla tal-2021 bħala s-sena tal-bidu tal-perjodu kkunsidrat.

(95) Il-Kummissjoni osservat li l-indikaturi tad-dannu wrew dannu dejjem akbar għall-industrija tal-Unjoni anke wara l-2022: l-impjiegi naqsu b'mod kostanti, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni naqset b'mod lineari kull sena. Il-produzzjoni u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqsu wkoll matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, id-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni huwa viżibbli wkoll meta l-perjodu ta' investigazzjoni jitqabbel mal-2022 u l-2023. Barra minn hekk, filwaqt li l-konsum tal-Unjoni naqas, l-importazzjonijiet Ċiniżi tejbu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tal-Unjoni, riflessa fiż-żieda tas-sehem mis-suq Ċiniż. Minbarra l-Unjoni, iċ-Ċina hija l-uniku produttur ieħor tal-aċidu gliossiliku fid-dinja, għalhekk, l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping tal-aċidu gliossiliku għandhom impatt dirett fuq il-produttur tal-Unjoni. Il-prezzijiet Ċiniżi naqsu b'mod sinifikanti fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, u kkawżaw tnaqqis fil-prezzijiet fuq l-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, din l-asserzjoni nċaħdet.

(96) Fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri dwar l-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (246) sa (248) tar-Regolament proviżorju.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

5.2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(97) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha stabbiliti fil-premessa (249) tar-Regolament proviżorju.

5.2.2. *Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(98) Jaer ikkummentat li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienu aktar baxxi minn dawk tas-suq tal-Unjoni, bl-implikazzjoni li l-prezzijiet tal-UE kienu esaġerati. Matul iż-żjara ta' verifika fil-bini tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni kisbet informazzjoni li dan kien dovut għall-modalità tat-trasport u għall-kwantitajiet tal-kunsinni tal-esportazzjoni. Għalhekk, l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(99) Trade Corporation ikkummentat li t-tnaqqis fl-esportazzjonijiet ma setax jiġi attribwit għall-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping. Fil-premessa (252) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kienet analizzat it-tnaqqis fl-esportazzjoni bħala fattur fit-tnaqqis tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni iżda ma kinitx attribwiet it-tnaqqis għall-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni. Il-kumment għalhekk ma ntlaqax.

(100) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ulterjuri, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn (250) sa (254) tar-Regolament proviżorju.

5.2.3. *Żidiet fil-kostijiet tal-materja prima u tal-prezzijiet tal-enerġija*

(101) Jaer, Trade Corporation u Hubei Hongyuan sostnew li t-tnaqqis fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat minn żieda fil-prezzijiet tal-enerġija.

(102) Kif imsemmi fil-premessi (226) u (255) tar-Regolament proviżorju, l-industrija tal-Unjoni ffaċċjat kostijiet ogħla tal-produzzjoni matul l-2022, minħabba żidiet fil-prezzijiet fl-enerġija. Madankollu, anke mill-2023 meta l-prezzijiet tal-enerġija bdew jonqsu ([11]), kien impossibbli għall-industrija tal-Unjoni li tistabbilixxi prezz tal-bejgħ profittabbli, minħabba l-kompetizzjoni tal-importazzjonijiet mir-RPĊ bi prezzijiet oġġett ta' dumping. Għalhekk, l-asserzjoni nċaħdet.

5.2.4. *Konsum*

5.2.4.1. Tnaqqis fid-domanda

(103) Jaer, Trade Corporation u Hubei Hongyuan saħqu li d-dannu kien ukoll dovut għat-tnaqqis fis-suq tal-Unjoni tal-aċidu gliossiliku. L-istess partijiet saħqu li t-tnaqqis fid-domanda huwa fenomenu ġenerali kkawżat minn tnaqqis fis-settur kimiku fl-Unjoni, u għalhekk ma huwiex attribwibbli għall-importazzjonijiet ta' aċidu gliossiliku oġġett ta' dumping.

(104) Fir-Regolament proviżorju, fil-premessa (256), il-Kummissjoni kienet irrikonoxxiet li s-suq tal-UE varja fil-perjodu kkunsidrat bi tnaqqis ta' 28 % fil-perjodu ta' investigazzjoni fir-rigward tal-2021. Kif spjegat fl-istess premessa, irrispettivament mill-fluttwazzjonijiet fis-suq, is-sehem tal-importazzjonijiet Ċiniżi kompla jiżdied anke f'perjodi ta' reċessjoni u, barra minn hekk, l-industrija tal-UE ma setgħetx iżżomm is-sehem mis-suq. Għalhekk, ir-reċessjoni fid-domanda ma naqqsitx ir-rabta każwali.

(105) Fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri dwar l-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa (256) tar-Regolament proviżorju.

5.2.4.2. Użu kaptiv

(106) Jaer, Trade Corporation u Hubei Hongyuan saħqu li d-dannu kien ukoll dovut għat-tnaqqis fis-suq tal-Unjoni tal-aċidu gliossiliku fis-suq ristrett. Jaer innotat ukoll li t-tnaqqis fis-suq ristrett ikisser ir-rabta kawżali peress li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma setgħux jikkawżaw it-tnaqqis fis-suq kaptiv.

(107) Fil-premessa (258) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kienet stabbiliet li l-impatt tar-reċessjoni fis-suq kaptiv - irrispettivament mill-kawża tagħha - kien inqas sever, kemm fil-volumi kif ukoll fit-tnaqqis fil-prezz, mit-telf tal-bejgħ fis-suq ħieles minħabba l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping. Għalhekk, ir-reċessjoni fl-użu kaptiv ma naqqsitx ir-rabta każwali.

(108) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-premessi minn (257) sa (259) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(109) L-asserzjonijiet kollha tal-partijiet wara r-Regolament proviżorju ġew miċħuda. Għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet, abbażi tas-sejbiet iddivulgati fir-Regolament proviżorju, li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, meqjusin b'mod individwali jew b'mod kollettiv, la naqqsu u lanqas kisru r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali. Is-sejbiet fil-premessi minn (260) sa (263) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

([11]) Eurostat: Electricity_price_statistics#Electricity_prices_for_non-household_consumers.

6. LIVELL TAL-MIŻURI

6.1. Marġni tal-bejgħ taħt il-prezz

(110) Xinjiang Guolin oġġezzjonat għall-fatt li l-Kummissjoni użat il-profitt medju tal-2021 u tal-2022, l-aħħar sentejn ta' profitt għall-ilmentatur, biex tikkalkula l-prezz fil-mira għall-aċidu gliossiliku. Xinjiang Guolin talbet li teskludi s-sena 2021, u saħqet li dik is-sena kienet eċċezzjonalment profittabbli minħabba tfixkil fil-katina tal-provvista. Il-Kummissjoni nnotat li l-2022 tista' titqies ukoll bħala sena eċċezzjonali minħabba l-impatt tal-prezzijiet tal-enerġija fuq il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni. Bl-inklużjoni tas-sentejn, il-Kummissjoni żgurat valutazzjoni aktar ġusta. Għalhekk, it-talba ġiet miċħuda.

(111) L-effett kumulattiv tal-kategorizzazzjoni mill-ġdid tat-tranżazzjonijiet u tal-kalkolu mill-ġdid tal-kostijiet ta' wara l-importazzjoni deskritti fil-premessi (73) u (76) kien li l-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz għal Xinjiang Guolin tnaqqas għal 57,3 %. Konsegwentement, il-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz għall-esportaturi l-oħrajn li kkooperaw, li huwa l-medja ponderata tal-esportaturi inklużi fil-kampjun ġie rivedut għal 93,6 %.

(112) Minħabba l-livell baxx ta' kooperazzjoni (ara l-premessi minn (179) sa (181) tar-Regolament proviżorju) u f'konformità mal-approċċ deskritt fih għall-istabbiliment tal-marġni tad-dumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha, il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li l-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz għall-kumpaniji l-oħrajn kollha jkun ibbażat fuq volum rappreżentattiv ta' bejgħ minn Hubei Hongyuan lejn l-Unjoni. Dan il-bejgħ tqies bħala indikatur xieraq biex jirrifletti l-imġiba dannuża fl-ipprezzar tal-kumpaniji li għażlu li ma jikkooperawx. Għalhekk, il-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz residwu kien stabbilit għal 124,9 %.

(113) Kif deskritt fit-Taqsima 3.5 hawn fuq, il-Kummissjoni rrevediet il-marġnijiet tad-dumping wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji.

(114) Fid-dawl ta' dawn il-bidliet fil-marġnijiet tad-dumping u tal-bejgħ taħt il-prezz, it-tabella fil-premessa (272) tar-Regolament proviżorju hija riveduta kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tal-bejgħ taħt il-prezz (%)
Hubei Hongyuan	29,2	112,9
Xinjiang Guolin	130,0	57,3
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	64,0	93,6
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	210,5	124,9

(115) Minbarra l-bidliet ta' hawn fuq, u fin-nuqqas ta' aktar kummenti, is-sejbiet fil-premessi minn (267) sa (272) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

6.2. Eżami tal-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni

(116) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (273) sa (281) tar-Regolament proviżorju.

7. INTERESS TAL-UNJONI

7.1. Interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku

(117) Wara li kkonkludiet li hemm distorsjoni fil-materja prima fiċ-Ċina, kif definita fl-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li kien fl-interess tal-Unjoni li tiddetermina l-ammont tad-dazji definittivi f'konformità mal-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku.

(118) Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq l-apprezzament tal-informazzjoni pertinenti kollha għal din l-investigazzjoni, inklużi l-kapaċitajiet ta' riżerva fil-kompetizzjoni taċ-Ċina għall-materja prima u l-effett fuq il-ktajjen tal-provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni qieset ukoll l-informazzjoni addizzjonali sottomessa dwar l-impatt fuq il-ktajjen tal-provvista wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji mill-produttur esportatur Hubei, l-utenti Nurion, Jaer, Trade Corporation, Brüggemann u Deretil, kif ukoll ir-rispons tal-industrija tal-Unjoni f'dan ir-rigward.

7.1.1. *Kapaċitajiet ta' riżerva fil-pajjiż esportatur*

(119) Deretil ma qablitx mal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li Hubei Hongyuan, il-produttur li kkoopera bl-inqas dazju anti-dumping, kellu kapaċità ta' riżerva, u semmiet is-sottomissjoni tal-kumpanija. L-utent ma pprovda l-ebda evidenza ulterjuri biex jappoġġa l-asserzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni rilevanti dwar il-kapaċitajiet ta' riżerva fil-pajjiż esportatur fil-premessa (284) tar-Regolament proviżorju.

(120) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-konklużjonijiet fil-premessi minn (284) sa (286) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

7.1.2. *Kompetizzjoni għall-materja prima*

(121) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (287) sa (290) tar-Regolament proviżorju.

7.1.3. *Effett fuq il-ktajjen tal-provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni*

(122) Trade Corporation, Jaer u Hubei Hongyouan saħqu li l-impożizzjoni tal-miżuri tagħti lill-industrija tal-Unjoni pożizzjoni monopolistika. L-asserzjoni ġiet miċħuda fil-premessa (308) tar-Regolament proviżorju. Billi ma ġiet ipprovduta l-ebda informazzjoni addizzjonali, l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(123) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, Deretil, Jaer u Trade Corporation ikkummentaw dwar il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tipprovdi biżżejjed kwantitajiet ta' aċidu gliossiliku lill-utenti, peress li l-uniċi sorsi ta' provvista jinsabu fl-Unjoni u fiċ-Ċina. Barra minn hekk, Jaer spjegat li hija importat mingħand esportaturi Ċiniżi minħabba l-karatteristiċi tal-kwalità u l-profili ta' impurità tal-prodotti tagħhom li huma diffiċli li jinkisbu fil-prodotti offruti mill-industrija tal-Unjoni. Brüggemann irrepetiet ukoll il-kummenti tagħha li għamlet fl-istadju proviżorju li l-industrija tal-Unjoni ma tistax tipprovdilhom grad speċifiku li hija teħtieġ għall-proċess tal-produzzjoni tagħha.

(124) Fis-sottomissjonijiet tagħhom, Jaer u Deretil ipprovdew evidenza li se jkun hemm żieda fil-konsum tas-swieq downstream tagħhom u għalhekk id-domanda għall-aċidu gliossiliku se tiżdied fis-snin ta' wara. Jaer ikkwotat l-informazzjoni dwar is-suq li tindika żieda fis-suq tal-kelat, u Deretil ipprovdiet informazzjoni dwar domanda dejjem akbar fis-swieq downstream tagħha. It-tnejn li huma nnutaw li f'tali sitwazzjoni, hemm possibbiltà li l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' tforni lill-utenti kollha.

(125) Trade Corporation, Jaer u Deretil ikkummentaw ukoll dwar l-importanza tal-affidabbiltà u tar-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista filwaqt li nnotat il-ħtieġa li jiġi evitat it-tfixkil tal-iskedi tal-produzzjoni fl-industrija kimika. Barra minn hekk, Deretil, Jaer u Brüggemann innutaw li l-bidla tal-fornitur hija diffiċli fil-każ tal-industrija kimika, peress li din tirrikjedi l-ittestjar u l-akkreditazzjoni tal-proċeduri. F'dan ir-rigward, Deretil innotat li huwa fl-interess tal-utenti li jwarrbu s-sorsi ta' provvista tagħhom biex jiggarantixxu l-kontinwazzjoni tal-proċessi tal-manifattura tagħhom. Deretil qajmet ukoll tħassib dwar id-disponibbiltà tal-aċidu gliossiliku għall-produzzjoni tal-amoksiċillina li hija antibijotiku inkluż fil-lista ta' mediċini kritiċi ([12]) li għaliha l-Kummissjoni ddikjarat fil-proposta għal Att dwar il-Mediċini kritiċi li "is-sigurtà tal-provvista fl-UE trid tiġi żgurata f'kull ħin ([13])".

(126) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, Weylchem Lamotte wieġbet għall-kummenti tal-utent dwar il-kapaċità. L-ilmentatur ipprovda informazzjoni addizzjonali li turi li bħalissa hemm biżżejjed kapaċità mhux utilizzata u li x'aktarx li din tiżdied minħabba tnaqqis ulterjuri fl-użu għal użu kaptiv.

(127) Fil-premessa (293) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kienet analizzat is-sitwazzjoni fir-rigward tal-kapaċità u kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni tista' tissostitwixxi l-parti l-kbira (90 %-95 %) tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Il-Kummissjoni analizzat ulterjorment l-informazzjoni kollha li rċeviet wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, dwar il-kapaċità u l-effetti fuq il-ktajjen tal-provvista. L-informazzjoni pprovduta mill-utenti u mill-ilmentatur uriet li l-industrija tal-Unjoni flimkien ma' Hubei Hongyouan, l-esportatur bl-inqas marġni tad-dumping, għandha kapaċità ta' riżerva suffiċjenti biex tissodisfa d-domanda. Din il-konklużjoni hija saħansitra aktar valida jekk jitqiesu l-kapaċitajiet ta' riżerva tal-kumpaniji soġġetti għall-marġni tad-dumping applikabbli għal "kumpaniji oħrajn li kkooperaw". Għalhekk l-asserzjonijiet ġew miċħuda.

([12]) Lista tal-Unjoni ta' mediċini kritiċi.

([13]) Proposta għal Att dwar il-Mediċini Kritiċi - Il-Kummissjoni Ewropea.

(128) Fir-rigward tal-asserzjonijiet ta' Jaer u ta' Brűggemann dwar gradi speċifiċi għall-proċessi tal-produzzjoni rispettivi tagħhom, inizjalment la Jaer u lanqas Brűggemann ma ddivulgaw informazzjoni dwar dawk il-gradi speċifiċi meħtieġa, u għalhekk l-industrija tal-Unjoni ma kinitx f'pożizzjoni li twieġeb dwar jekk setgħetx tipprovdi tali gradi jew le. Il-Kummissjoni kkonkludiet li tabilħaqq kemm Jaer kif ukoll Brűggemann jiksbu gradi speċifiċi ta' aċidu gliossiliku miċ-Ċina, madankollu l-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika jekk l-istess gradi setgħux jiġu pprovduti mill-industrija tal-Unjoni peress li ma ġietx divulgata informazzjoni dwar il-gradi speċifiċi. Għalhekk l-asserzjonijiet ġew miċħuda. Wara d-divulgazzjoni definittiva, Brűggemann iddivulgat informazzjoni addizzjonali. Din l-asserzjoni hija indirizzata fil-premessi (158) sa (163).

7.1.4. *Sitwazzjoni finanzjarja tal-utenti*

(129) Kif spjegat fil-premessa (18) tar-Regolament proviżorju, l-aċidu gliossiliku huwa prodott intermedju għall-produzzjoni tal-antibijotiċi, il-vanillina, il-fertilizzanti tal-kelat u l-allantoina. Tliet produtturi tal-fertilizzanti, Trade Corporation, Nouryon, u Jaer, produttur wieħed tal-antibijotiċi, Deretil, u produttur wieħed tas-sustanzi kimiċi speċjalizzati, Brüggemann, li jirrappreżentaw 75 % tal-importazzjonijiet u 72 % tal-konsum tal-UE tal-aċidu gliossiliku, għamlu sottomissjonijiet wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji.

(130) L-utenti saħqu li l-impożizzjoni tal-miżuri żżid b'mod sinifikanti l-kostijiet tagħhom, tnaqqas il-profitti tagħhom filwaqt li Deretil u Brüggemann saħqu li se jġarrbu telf u dan ikollu impatt fuq il-kompetittività tagħhom fi żmien meta qed jiffaċċjaw pressjoni dejjem akbar fis-swieq rispettivi tagħhom mill-esportaturi Ċiniżi u Indjani li ma jiġux affettwati mill-miżuri. L-utenti saħqu ulterjorment li minħabba l-kompetizzjoni mill-produtturi esportaturi fis-swieq rispettivi tagħhom, dawn ma jkunux jistgħu jgħaddu ż-żieda fil-kostijiet. Għal dawn ir-raġunijiet, Jaer u Nouryon talbu lill-Kummissjoni terġa' tikkunsidra l-livell ta' miżuri. B'mod partikolari, Jaer talbet l-applikazzjoni ta' miżuri f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

(131) Il-Kummissjoni kienet stabbiliet l-eżistenza ta' tfixkil fil-materja prima skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku (il-premessa (281) tar-Regolament proviżorju. Sabiex tivvaluta jekk kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri f'konformità mal-Artikolu 7(2) jew 7(2a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel għamlet simulazzjonijiet dwar il-profittabbiltà tal-utenti abbażi tal-marġnijiet definittivi tad-dumping u tad-dannu, filwaqt li assumiet li l-volumi tal-aċidu gliossiliku, kif ukoll il-fatturat miksub fuq prodotti downstream baqgħu ugwali għal dawk fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(132) It-tieni, il-Kummissjoni vvalutat l-impatt tad-dazji fuq il-profittabbiltà billi naqqset il-profitt fi proporzjon mal-kontribuzzjoni tal-aċidu gliossiliku għall-fatturat, immultiplikata biż-żieda effettiva fil-prezz li tirriżulta mill-impożizzjoni tad-dazji. Iż-żieda effettiva fil-prezz qieset il-provenjenza tal-importazzjonijiet, id-dazji imposti fuq il-produtturi esportaturi, kif ukoll iż-żidiet fil-prezzijiet irrapportati għall-industrija tal-Unjoni.

(133) L-impatt tal-miżuri varja f'konformità mad-differenzi fir-rigward tal-profittabbiltà inizjali tal-utenti, il-kontribuzzjoni tal-aċidu gliossiliku għall-fatturat tal-prodotti downstream u s-sors tal-provvista tal-aċidu gliossiliku. B'mod speċifiku, il-kontribuzzjoni tal-aċidu gliossiliku għall-fatturat tal-prodotti downstream tvarja bejn 5 % u 18 %. Il-marġnijiet ta' profitt għall-produtturi tal-kelat u tas-sustanzi kimiċi dedikati kienu ferm ogħla minn 10 %, filwaqt li l-produttur tal-antibijotiċi rrapporta profitti fil-medda ta' 5 % sa 7 %. Fl-aħħar nett, kien hemm żidiet effettivi ogħla fil-prezzijiet meta l-kumpaniji kienu qed jakkwistaw minn produtturi li ma kkooperawx.

(134) Ir-riżultati tas-simulazzjonijiet urew li jekk jiġu imposti dazji fuq l-esportazzjonijiet miċ-Ċina skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, ħlief għal Deretil, l-utenti jibqgħu profittabbli, anke jekk ma jżidux il-prezzijiet, minħabba l-marġnijiet ta' profitt għoljin tagħhom. Is-simulazzjonijiet urew l-istess riżultat għall-utenti li jakkwistaw mingħand produtturi li ma kkooperawx. Id-dazji ċertament ikollhom impatt fuq il-profittabbiltà tal-utenti, iżda d-direzzjoni mill-ġdid tal-akkwisti biex jiżdied is-sehem tal-industrija tal-Unjoni jew tal-esportaturi b'dazji aktar baxxi bħal Hubei, ittaffi ulterjorment l-impatt.

(135) Fil-każ ta' Deretil, minħabba l-marġni ta' profitt moderat tagħha, jekk jiġu imposti dazji f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, il-miżuri jaffettwaw serjament il-profittabbiltà tagħha, u l-kumpanija tibda tagħmel it-telf. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet, kif ġie indikat minn Deretil, li l-amoksiċillina hija inkluża fil-lista ta' mediċini kritiċi li għalihom il-kontinwità tal-provvista hija prijorità ([14]). Għalhekk, peress li Deretil hija l-uniku produttur tal-prekursur tal-amoksiċillina u wieħed miż-żewġ produtturi tal-amoksiċillina fl-Unjoni, huwa importanti li l-profittabbiltà tajba tagħha u s-sigurtà tal-provvista ma jiġux ipperikolati.

(136) Il-Kummissjoni mbagħad għamlet simulazzjoni dwar il-profittabbiltà ta' Deretil li kieku kellhom jiġu imposti dazji fuq l-esportazzjonijiet miċ-Ċina f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-profittabbiltà ta' Deretil tiġi affettwata wkoll skont il-miżuri tal-Artikolu 7(2), madankollu f'dak ix-xenarju, Deretil tibqa' profittabbli anke fil-każ li jkollha takkwista mingħand esportaturi li ma kkooperawx. Barra minn hekk, il-Kummissjoni analizzat is-sors tal-provvista u l-gradi ta' kwalità tal-użi tal-aċidu gliossiliku minn Deretil u kkonkludiet li l-kumpanija tista' tikseb sehem akbar tal-aċidu gliossiliku mill-industrija tal-Unjoni u mill-produtturi esportaturi li kkooperaw, u b'hekk ittaffi b'mod sinifikanti l-impatt tal-miżuri fuq il-profittabbiltà tagħha.

7.1.5. Konklużjoni tal-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku

(137) Fil-premessi (296) u (297) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien fl-interess tal-Unjoni li jiġi ddeterminat l-ammont ta' dazji f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, u li jiġi stabbilit il-livell ta' dazji proviżorji abbażi tal-livell ta' dumping.

(138) L-analiżi tas-sottomissjonijiet tal-utenti wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji wriet li, filwaqt li għall-utenti l-oħrajn kollha, l-impożizzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku x'aktarx li ma twassalx għal konsegwenzi negattivi sinifikanti, tali livell ta' dazji jkollu impatt serju speċifikament fuq il-profittabbiltà ta' Deretil, li jwassal għal telf. L-analiżi wriet ukoll li meta jiġu applikati d-dazji f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, Deretil tibqa' profittabbli.

(139) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni evalwat bir-reqqa l-elementi kollha u ma setgħetx tikkonkludi li huwa fl-interess tal-Unjoni li tiddetermina l-ammont ta' dazji f'konformità mal-Artikolu 7(2a), jiġifieri ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tistabbilixxi l-livell tal-miżuri fil-livell tad-dumping fid-dawl tal-effett negattiv sproporzjonat li dan x'aktarx ikollu fuq il-ktajjen tal-provvista għall-kumpaniji tal-Unjoni.

(140) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat li jenħtieġ li l-miżuri jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

7.2. **Interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku**

(141) Wara li vvalutat l-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq evalwazzjoni tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

7.2.1. *Interess tal-industrija tal-Unjoni*

(142) Kif spjegat fil-premessa (299) tar-Regolament proviżorju, l-uniku produttur tal-aċidu gliossiliku fl-Unjoni ppreżenta l-ilment, ikkoopera bis-sħiħ fl-investigazzjoni u esprima l-interess tiegħu għall-impożizzjoni ta' miżuri.

(143) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-premessi minn (299) sa (302) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

([14]) EMA/438798/2023w.

7.2.2. *Interess ta' importaturi u ta' kummerċjanti mhux relatati*

(144) Fin-nuqqas ta' kummenti mill-importaturi u mill-kummerċjanti tal-Unjoni, il-premessi (303) u (304) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

7.2.3. *Interess tal-utenti*

(145) Kif stabbilit fit-taqsima 7.1.3 ta' dan ir-Regolament, l-utenti Trade Corporation, Deretil u Jaer tennew it-tħassib tagħhom dwar il-kapaċità limitata tal-produzzjoni tal-ilmentatur u d-disponibbiltà ta' kwantitajiet suffiċjenti ta' aċidu gliossiliku fl-Unjoni.

(146) Trade Corporation u Deretil oġġezzjonaw għall-adozzjoni tal-miżuri. Barra minn hekk, Nouryon, Trade Corporation, Deretil, Jaer u Brüggemann għamlu wkoll kummenti dwar l-effett fuq il-profittabbiltà u l-kompetittività tagħhom (ara wkoll it-taqsima 7.1.4).

(147) Fir-rigward tal-asserzjonijiet dwar il-kapaċità u l-profittabbiltà, il-Kummissjoni indirizzat dawk l-asserzjonijiet fil-premessa (80) ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, kif stabbilit fit-taqsima 7.1.4 ta' dan ir-Regolament, bl-applikazzjoni ta' dazji anti-dumping definittivi f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, l-utenti kollha jibqgħu profittabbli, anke jekk ikollhom bżonn jakkwistaw mingħand produtturi li ma kkooperawx. Konsegwentement, f'każijiet meta l-produzzjoni tiġi interrotta jew fl-industrija tal-Unjoni jew inkella f'Hubei — il-produttur esportatur b'dazji aktar baxxi — l-utenti xorta jkollhom aċċess għal sorsi oħrajn ta' provvista, filwaqt li jiżguraw id-disponibbiltà ta' alternattivi għall-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, asserzjonijiet dwar il-profittabbiltà, il-kompetittività, il-kapaċità u d-disponibbiltà huma miċħuda.

(148) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, Jaer talbet l-esklużjoni tal-ambitu tal-prodott tat-tip ta' grad ta' aċidu gliossiliku li jużaw biex jipproduċu l-fertilizzanti. Din asserixxiet li ma tistax tikseb biżżejjed kwantitajiet ta' dan il-grad mill-industrija tal-Unjoni.

(149) Biex tivvaluta kwalunkwe talba għall-esklużjoni tal-prodott, il-Kummissjoni għandha teżamina (i) il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi ta' dawk it-tipi ta' prodotti, (ii) l-użu aħħari u l-interkambjabbiltà tagħhom, (iii) il-perċezzjoni tal-konsumatur aħħari, (iv) l-impatt tad-dazji fuq l-utent, (v) sorsi alternattivi ta' provvista, u (vi) l-impatt tal-eżenzjoni fuq id-dazji. Peress li Jaer għamlet it-talba tagħha wara l-iskadenza biex tissottometti dikjarazzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott, il-Kummissjoni ma setgħetx tqis it-talba peress li ma setgħetx twettaq l-analiżi biex tagħti jew tirrifjuta l-esklużjoni ta' dan l-ambitu tal-prodott.

(150) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, Deretil talbet eżenzjoni tal-użu aħħari skont l-Artikolu 254 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([15]) għall-użu tal-aċidu gliossiliku għall-produzzjoni ta' prekursur antibijotiku D(-) Alfa Paraidrossi FenilGliċina Metil Ester "Metil Ester" u tal-antibijotiku amoksiċillina.

(151) Wara li analizzat l-evidenza u l-kummenti ppreżentati minn Deretil, il-Kummissjoni ddeterminat li ma hemm l-ebda raġuni biex tingħata l-eżenzjoni tal-użu aħħari, peress li Deretil ma tirrikjedix grad speċjali ta' aċidu gliossiliku u tista' tagħmel akkwisti mingħand l-industrija tal-Unjoni u mingħand il-produtturi esportaturi kollha fiċ-Ċina. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessi (136) u (147), l-impożizzjoni tal-miżuri hija f'konformità mal-Artikolu 7(2), għalhekk Deretil tibqa' profittabbli anke jekk tuża bħala sors il-produtturi li ma kkooperawx fiċ-Ċina.

(152) Brüggemann tenniet l-asserzjoni tagħha għal eżenzjoni tal-użu aħħari skont l-Artikolu 254 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li diġà saret fl-istadju proviżorju kif imsemmi fil-premessa (24) tar-Regolament proviżorju. Brüggemann ipprovdiet aktar informazzjoni dwar it-tip ta' aċidu gliossiliku li tikseb miċ-Ċina u saħqet li għall-kuntrarju tas-sejbiet tal-Kummissjoni fir-Regolament proviżorju, l-aċidu gliossiliku li nkiseb miċ-Ċina u l-aċidu gliossiliku li nkiseb mill-Unjoni ma kinux interskambjabbli.

(153) Fil-premessi minn (25) sa (28) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni spjegat ir-raġunijiet għaliex ma setgħetx tagħti eżenzjoni tal-użu aħħari lil Brüggemann. Il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni l-ġdida pprovduta mill-kumpanija wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji. Kif spjegat fil-premessa (128), Brüggemann ma ddivulgatx informazzjoni speċifika dwar it-tip ta' grad ta' aċidu gliossiliku li tikseb miċ-Ċina u għalhekk l-industrija tal-Unjoni inizjalment ma kinitx f'pożizzjoni li tikkummenta dwar jekk setgħetx tikseb dak il-grad jew le. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba għal eżenzjoni tal-użu aħħari.

([15]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj).

(154) Għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li t-talbiet li saru minn Deretil u minn Brüggemann, jekk jingħataw, jammontaw għal ammont sinifikanti tal-konsum totali tal-Unjoni tal-aċidu gliossiliku (minn 13 % sa 18 %) fil-każ ta' Deretil u minn 3 % sa 5 % fil-każ ta' Brüggemann. Għalhekk, jekk jingħataw jitfgħu dubju fuq l-effettività tal-miżuri fil-protezzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(155) Madankollu, kif spjegat fil-premessi (158) sa (163), it-talba ta' Brüggeman issa tista' tintlaqa'.

7.2.4. *Interess tal-konsumaturi*

(156) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, Trade Corporation allegat li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping fuq l-aċidu gliossiliku jkollha impatt fuq il-prezz tal-fertilizzanti u tista' twassal għal kostijiet miżjuda fil-produzzjoni agrikola, u b'hekk għal prezzijiet ogħla tal-ikel għall-konsumaturi. Deretil argumentat bl-istess mod li ż-żieda fil-prezz tal-aċidu gliossiliku, iżżid b'mod sinifikanti l-prezz tal-prekursuri antibijotiċi prodotti fl-Unjoni u, għalhekk, iżżid il-prezz tal-antibijotiċi u tħalli impatt fuq il-konsumaturi tal-UE, speċjalment dawk b'introjtu aktar baxx. Fin-nuqqas ta' evidenza korroborattiva, l-asserzjonijiet huma miċħuda.

7.2.5. *Interess strateġiku tal-industrija tal-Unjoni*

(157) Kif muri mis-sottomissjonijiet tal-utenti, l-aċidu gliossiliku huwa prodott intermedju kruċjali għall-industriji tal-Unjoni b'mod ġenerali u għall-produzzjoni tal-antibijotiċi b'mod partikolari. Fi proposti leġiżlattivi reċenti, ([16]) ([17]) il-Kummissjoni nnotat li n-nuqqas ta' prodotti mediċinali jista' jirriżulta minn interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista u vulnerabbiltajiet li jaffettwaw il-provvista ta' ingredjenti u komponenti ewlenin u fittxet li tindirizzahom u żżid ir-reżiljenza tas-settur farmaċewtiku. It-telf tal-uniku produttur tal-aċidu gliossiliku fl-Unjoni b'riżultat tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping iżid il-vulnerabbiltà tas-settur farmaċewtiku peress li dawn se jsiru dipendenti biss fuq ktajjen twal tal-provvista li ġew imfixkla f'diversi okkażjonijiet f'dawn l-aħħar ftit snin, eż. minħabba aċċidenti fil-Kanal ta' Suez jew kunflitt fil-Baħar l-Aħmar. Barra minn hekk, l-għajbien tal-produzzjoni tal-gliossiliku fl-Unjoni jwassal għad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi, peress li ma hemm l-ebda sors alternattiv, u jikkomprometti l-awtonomija strateġika tal-Unjoni f'settur kruċjali ([18]). Min-naħa l-oħra, l-impożizzjoni ta' miżuri fil-livelli proposti se tipproteġi l-produzzjoni tal-aċidu gliossiliku u tevita ħsara estensiva lill-industrija downstream u b'hekk ittaffi d-dipendenza fuq il-ktajjen tal-provvista barranin.

(158) Wara d-divulgazzjoni finali, Brüggemann tenniet li ċ-ċaħda tat-talba tagħha għal eżenzjoni tal-użu aħħari mill-Kummissjoni ma kinitx ġustifikata. Hija sostniet li tali eżenzjoni kienet sanzjonata u ġġustifikata f'dan il-każ peress li l-eżenzjoni tal-użu aħħari għall-produzzjoni tal-FFSRAs ma tnaqqasx l-effettività tad-dazji. Brüggeman sostniet li l-importazzjonijiet tagħha miċ-Ċina u d-domanda totali tagħha għall-aċidu gliossiliku huma perċentwal negliġibbli tal-konsum tal-UE. Barra minn hekk, Brüggeman wriet li l-aċidu gliossiliku jammonta għal sehem sinifikanti tal-kost tal-produzzjoni tal-FFSRAs u li ma jistax jibdel il-forniturі.

(159) Fl-istadju proviżorju, Brüggemann ma kinitx iddivulgat informazzjoni speċifika dwar it-tip ta' grad ta' aċidu gliossiliku li tikseb miċ-Ċina u għalhekk l-industrija tal-Unjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tikkummenta dwar jekk setgħetx tipprovdi dak il-grad jew le. Madankollu, wara d-divulgazzjoni finali, Brüggemann għamlet il-firxa pubblika (kontenut ta' ħadid (Fe) ta' ≥ 10 u ≤ 20 PPM) li fiha jaqa' l-kontenut speċifiku tal-ħadid tat-tip ta' aċidu gliossiliku li huwa jforni miċ-Ċina u tenniet l-asserzjoni li għall-kuntrarju tas-sejbiet tal-Kummissjoni fir-Regolament provviżorju, l-ewwel nett, l-aċidu gliossiliku miksub miċ-Ċina u l-aċidu gliossiliku miksub mill-Unjoni ma kienx interkambjabbli u, it-tieni, setgħet tikseb dan il-prodott biss minn fornitur Ċiniż speċifiku.

(160) Wara din is-sottomissjoni minn Brüggemann, Weylchem sostniet li setgħet tipproduċi t-tip ta' aċidu gliossiliku li għalih intalbet l-eżenzjoni tal-użu aħħari. Madankollu, il-Kummissjoni osservat li l-evidenza ta' sostenn ma kkonfermatx li dan kien tabilħaqq il-każ. Fi kwalunkwe każ, hija fakkret li anki jekk forniturі oħra setgħu jipproduċu dak it-tip ta' aċidu gliossiliku speċifiku ħafna, il-Kummissjoni xorta tkun fid-diskrezzjoni tagħha li tikkonkludi li eżenzjoni tal-użu aħħari kienet xorta waħda xierqa jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ jappoġġaw l-għoti ta' eżenzjoni tal-użu aħħari.

([16]) EUR-Lex - 52023PC0192 - EN - EUR-Lex.
([17]) EUR-Lex - 52023PC0193 - EN - EUR-Lex.
([18]) Monitor tal-Awtonomija Strateġika tal-UE.

(161) Weylchem sostniet ukoll li t-talba ta' Brüggemann jenħtieġ li tinċaħad peress li kienet saret barra mill-iskadenza stabbilita fin-notifika ta' bidu għas-sottomissjoni tal-kummenti dwar l-ambitu tal-prodott. Il-Kummissjoni ċċarat li tali skadenza tapplika għal kummenti dwar l-ambitu attwali tal-prodott (inkluż il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili), li jeħtieġ li jiġu indirizzati fi stadju bikri tal-proċedura minħabba implikazzjonijiet potenzjali għall-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni nnifisha. Min-naħa l-oħra, it-talba ta' Brüggemann kienet tikkonċerna eżenzjoni tal-użu aħħari magħmula fid-dawl tal-applikazzjoni potenzjali tal-miżuri. Talba bħal din saret fi żmien debitu fil-proċediment qabel l-istadju proviżorju. Wara ċ-ċaħda proviżorja tat-talba tagħha, Brüggemann issottomettiet kummenti u evidenza addizzjonali f'dan l-istadju aktar tard tal-proċedura biex tappoġġa t-talba oriġinali tagħha li saret fi żmien debitu. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-asserzjoni.

(162) Fl-aħħar nett, Weylchem indikat li tibża' li utenti u importaturi oħra tal-Unjoni jistgħu jesploraw ir-riskji li jimportaw taħt l-istess reġim, u b'hekk jevitaw il-miżuri permezz ta' dikjarazzjoni ħażina. Il-Kummissjoni tinnota li eżenzjoni tal-użu aħħari mhijiex speċifika għall-kumpanija iżda pprovduta għal użu finali speċifiku. Għalhekk, l-eżenzjoni tista' tintuża minn kwalunkwe kumpanija sakemm il-prodott importat jintuża għall-produzzjoni tal-FFSRA u jkollu kontenut ta' ħadid (Fe) ta' ≥ 10 u ≤ 20 PPM. L-eżenzjoni tal-użu aħħari hija implimentata u ssorveljata mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li jiżguraw strettament li l-importazzjonijiet għal użi oħra ma jibbenefikawx mill-eżenzjoni u jħallsu d-dazji anti-dumping kif xieraq. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

(163) Fuq dik il-bażi, u fid-dawl tal-kummenti li saru minn Brüggemann wara d-divulgazzjoni kif spjegat fil-premessa (159), il-Kummissjoni kkonkludiet li t-talba ta' Brüggemann għal eżenzjoni tal-użu aħħari tal-aċidu gliossiliku użat fil-produzzjoni tal-FFSRAs u b'kontenut ta' ħadid (Fe) ta' ≥ 10 u ≤ 20 PPM jenħtieġ li tiġi aċċettata. Peress li ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-għoti tal-eżenzjoni tal-użu aħħari kienu diġà prevalenti ferm qabel l-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping provviżorji, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li jenħtieġ li din tiġi applikata b'mod retroattiv sal-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping proviżorji.

(164) Deretil ma qablitx mas-sejba tal-Kummissjoni li Deretil kienet se tibqa' profittabbli wara l-impożizzjoni tad-dazji antidumping. Deretil ma qablitx ukoll mas-sejba tal-Kummissjoni li "ma hemm l-ebda raġuni biex tingħata l-eżenzjoni tal-użu aħħari". Hija sostniet li r-raġunijiet għal dan ir-rifjut, (i) Deretil ma teħtieġx grad speċjali ta' aċidu gliossiliku, (ii) hija tista' tuża bħala sors l-industrija tal-Unjoni u l-produtturi esportaturi kollha fiċ-Ċina u (iii) minħabba li Deretil tibqa' profittabbli "anki jekk dawn jużaw bħala sors il-produtturi li ma kkooperawx fiċ-Ċina" kienu bla bażi u insuffiċjenti. Dwar l-ewwel raġuni, Deretil sostniet li kienet ibbażat l-asserzjoni tagħha fuq argumenti ekonomiċi u ta' użu finali motivati u li għalhekk, ir-referenza tal-Kummissjoni għal "grad speċjali" ma kienet tal-ebda użu. Fir-rigward tat-tieni u t-tielet raġunijiet, hija semmiet li Deretil titħalla f'sitwazzjoni estremament vulnerabbli jekk ma tingħata l-ebda eżenzjoni tal-użu aħħari għall-produzzjoni tal-methyl ester.

(165) Madankollu, dawk l-argumenti ma setgħux ibiddlu s-sejbiet tal-Kummissjoni għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel nett, it-talba ta' Deretil tirreferi għall-eżenzjoni tal-użu aħħari għal grad standard ta' aċidu gliossiliku li huwa prodott mill-industrija tal-Unjoni fi kwantitajiet suffiċjenti. It-tieni, il-Kummissjoni ssimulat l-impatt tal-miżuri fuq Deretil u din tibqa' profittabbli anki jekk tuża bħala sorsi l-produtturi li ma kkooperawx fiċ-Ċina. Meta simulat l-impatt tal-miżuri, il-Kummissjoni qieset iż-żieda fil-prezzijiet mill-industrija tal-Unjoni, għall-kuntrarju tal-asserzjoni ta' Deretil li dan il-parametru ma kienx ġie inkluż. It-tielet, Deretil hija utent kbir u l-akbar importatur tal-aċidu gliossiliku fl-Unjoni, u l-produzzjoni tal-antibijotiċi hija waħda mill-użi ewlenin tal-aċidu gliossiliku. Għalhekk, l-għoti tal-eżenzjoni tal-użu aħħari għall-produzzjoni tal-antibijotiċi jkollu impatt fuq mill-inqas [13 sa 18 %] tas-suq u jimmina b'mod sinifikanti l-effikaċja tal-miżura.

(166) Wara d-divulgazzjoni finali, Jaer sostniet li la t-talba tagħhom għall-esklużjoni tal-ambitu tal-prodott u lanqas it-talba tagħhom għal eżenzjoni tal-użu aħħari ma ġew ivvalutati mill-Kummissjoni b'mod adegwat.

(167) Il-Kummissjoni żammet il-pożizzjoni tagħha li l-esklużjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ntalbet wara l-iskadenza. Barra minn hekk, fir-rigward tat-talba ppreżentata minn Jaer biex tingħata eżenzjoni tal-użu aħħari għal grad ta' kwalità għolja ta' aċidu gliossiliku li jintuża għall-produzzjoni ta' fertilizzanti kelati, il-Kummissjoni osservat dan li ġej. L-ewwel nett, l-aċidu gliossiliku ta' kwalità għolja huwa disponibbli mill-industrija tal-Unjoni u Jaer kienet qed tixtri mingħandha. Jaer ma kenitx wieġbet għall-kwestjonarju tal-utenti u ma kenitx żvelat il-grad eżatt tal-aċidu gliossiliku li teħtieġ. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx twieġeb, u l-Kummissjoni ma setgħetx tikkorrobora s-sejba li Jaer kienet se tiffaċċja problemi biex takkwista kwantitajiet suffiċjenti mill-industrija tal-Unjoni. It-tieni, il-Kummissjoni eżaminat il-profittabbiltà tal-kumpanija wara l-impożizzjoni tal-miżuri u kkonkludiet li din se tibqa' profittabbli. It-tielet, il-produzzjoni ta' fertilizzanti kelati tammonta għal madwar 30 % tal-importazzjonijiet u għal terz tal-konsum tal-Unjoni tal-aċidu gliossiliku, bil-konsum ta' Jaer jammonta għall-akbar parti ta' dan. Għalhekk, anki jekk tintuża biss għall-fertilizzanti minn Jaer, din l-eżenzjoni jkollha impatt fuq [20 sa 25 %] tas-suq u timmina b'mod sinifikanti l-effikaċja tal-miżuri. Għalhekk, it-talba ta' Jaer inċaħdet.

(168) Wara d-divulgazzjoni finali, AEFA affermat li l-livelli ta' dazju anti-dumping proposti jkunu jinvolvu żieda sinifikanti fil-kost tal-produzzjoni tal-kelati tal-ħadid, li jkollha tiġi mgħoddija mill-katina tal-bdiewa bejn l-industrija tal-manifattura u d-distribuzzjoni. Dan imbagħad jirriżulta fi prezzijiet tal-kelati li jilħqu livell mhux affordabbli għad-diversi aġenti kummerċjali u telf ta' kompetittività, mhux biss għall-manifatturi tal-kelati, iżda wkoll għal bosta utenti Spanjoli u Ewropej. Dan tal-aħħar imbagħad jippermetti u jiffaċilita d-dħul ta' kompetizzjoni mhux Ewropea f'suq fejn it-tikketta "Spanja u l-Ewropa" hija rikonoxxuta u apprezzata b'mod wiesa' għat-teknoloġija tagħha. L-AEFA ddikjarat ukoll li diġà kien hemm limitazzjonijiet fil-provvista għal materja prima għal prekursur għal diversi prodotti, bħal amoksiċillina jew vanillina, li bħalissa mhumiex disponibbli f'volumi suffiċjenti fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, l-AEFA talbet eżenzjonijiet tal-użu aħħari għall-użu agrikolu u restrizzjonijiet fuq kelati tal-ħadid lesti miċ-Ċina, biex jittaffa l-iżvantaġġ kompetittiv iffaċċjat.

(169) It-talba għal eżenzjoni tal-użu aħħari għall-użu agrikolu ma kinitx issostanzjata minn fatti verifikabbli li jappoġġaw tali eżenzjoni. Barra minn hekk, l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-kelati tal-ħadid lesti miċ-Ċina hija barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proċediment. Għalhekk dawn l-asserzjonijiet inċaħdu.

(170) Wara d-divulgazzjoni finali addizzjonali, minbarra l-kummenti tagħha dwar it-talba għal eżenzjoni tal-użu aħħari ta' Brüggemann, Weylchem sostniet li mill-ftuħ ta' din l-investigazzjoni, l-aċidu gliossiliku Ċiniż kien qed jimlew is-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li komplew iwaqqgħu l-livelli stabbiliti fil-perjodu ta' investigazzjoni għall-industrija tal-Unjoni. Hija sostniet li l-Kummissjoni kienet iddeċidiet li ma timponix dazji retroattivi fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi għal raġunijiet ta' politika aktar milli għal dawk ekonomiċi, peress li ma kien hemm l-ebda dubju li l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu wara r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, speċjalment meta mqabbla mal-konsum tal-Unjoni.

(171) Il-Kummissjoni fakkret li l-analiżi pprovduta fil-premessi (191) sa (195), li ġiet żvelata lil Weylchem fid-divulgazzjoni finali, kienet ibbażata fuq ir-rekwiżiti legali tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku għall-ġbir retroattiv tad-dazji, li f'dan il-proċediment partikolari ma ġewx issodisfati. Għalhekk, din l-asserzjoni nċaħdet.

(172) Wara d-divulgazzjoni finali addizzjonali, Jaer asserixxiet li t-talbiet tagħha għall-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti u l-eżenzjoni tal-użu aħħari ma ġewx ikkunsidrati kif xieraq u rrepetiet iż-żewġ asserzjonijiet.

(173) Il-Kummissjoni spjegat fil-premessi (166) u (167) hawn fuq li t-talba għall-esklużjoni tal-prodott saret tard ħafna fil-proċedura u wkoll għaliex it-talba għal eżenzjoni tal-użu aħħari ta' Jaer inċaħdet.

(174) Trade Corporation tenniet l-asserzjoni tagħha li l-Kummissjoni ma kinitx uriet rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi allegatament oġġett ta' dumping u t-telf tal-produttur tal-Unjoni filwaqt li enfasizzat li l-konċentrazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fi produttur wieħed tista' ma tkunx rappreżentattiva ta' kuntest usa' tal-industrija u li fatturi esterni bħall-kriżi tal-enerġija ma kinux ikkunsidrati b'mod adegwat. Trade Corporation argumentat ukoll li l-impożizzjoni ta' dazji definittivi toħloq monopolju de-facto għall-uniku produttur tal-Unjoni, li jipperikola s-sigurtà u r-reżiljenza tal-provvista.

(175) Il-Kummissjoni ma qablitx, kif spjegat fil-premessa (93). Fin-nuqqas ta' argumenti jew evidenza addizzjonali, din l-asserzjoni nċaħdet.

(176) Hubei sostniet li setgħet tipproduċi t-tip ta' aċidu gliossiliku li għalih intalbet l-eżenzjoni tal-użu aħħari u qieset li produtturi oħra tal-aċidu gliossiliku, inkluż l-ilmentatur, setgħu jipproduċuh ukoll. Għalhekk huma oġġezzjonaw għall-għoti tal-eżenzjoni tal-użu aħħari.

(177) Kif spjegat hawn fuq fil-premessa (162), eżenzjoni tal-użu aħħari mhijiex speċifika għall-kumpanija u tapplika meta l-prodotti jiġu importati biex jintużaw fil-produzzjoni ta' prodott downstream partikolari. Il-fatt li diversi produtturi esportaturi jistgħu jipproduċu ċertu tip ta' prodott huwa irrilevanti għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Għalhekk, din l-asserzjoni nċaħdet.

7.3. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(178) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonferma il-konklużjoni tagħha stabbilita fil-premessa (314) tar-Regolament proviżorju li ma kien hemm l-ebda raġuni konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu gliossiliku li joriġinaw mir-RPĊ.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI**

8.1. **Miżuri definittivi**

(179) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping definittivi sabiex ma jiġix ikkawżat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat.

(180) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping definittivi, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)	Dazju anti-dumping definittiv (%)
Hubei Hongyuan Pharmaceutical Technology Co., Lt	29,2	112,9	29,2
Xinjiang Guolin New Materials Co., Ltd	130,0	57,3	57,3
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	64,0	93,6	64,0
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	210,5	124,9	124,9

(181) Wara d-divulgazzjoni finali, Guangdong Joy Chemical, Inner Mongolia Tianyuda Biological Technology, Jinyimeng Group, Deretil u Jaer sostnew li l-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun kienu kkooperaw bis-sħiħ mal-Kummissjoni matul din l-investigazzjoni u li n-nuqqas ta' għażla għall-kampjunar mill-Kummissjoni ma kellux jirriżulta fl-impożizzjoni ta' dazju li qabeż ir-rata applikata għall-produttur/esportatur inkluż fil-kampjun bl-ogħla dazju anti-dumping fost il-kumpaniji li kkooperaw. Il-partijiet interessati sostnew li l-Kummissjoni applikat b'mod inkonsistenti l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku.

(182) Il-Kummissjoni ċċarat li segwiet id-dispożizzjoni tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku, li jistipula li d-dazju anti-dumping applikat għall-importazzjonijiet minn esportaturi mhux inklużi fl-investigazzjoni jenħtieġ li ma jaqbiżx il-marġni medju ponderat ta' dumping stabbilit fir-rigward tal-partijiet fil-kampjun. Id-dazju anti-dumping definittiv ma ġiex ikkalkulat bħala medja ponderata tar-rati individwali tad-dazju anti-dumping, iżda l-marġnijiet medji tad-dumping u tad-dannu ġew ikkalkulati, segwiti mill-applikazzjoni tar-regola tad-dazju inferjuri. F'dan il-każ, id-dazju anti-dumping applikat għall-importazzjonijiet minn esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun kien ibbażat fuq il-marġni tad-dumping medju ponderat tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u kien konformi bis-sħiħ mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. L-asserzjoni nċaħdet.

(183) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. B'hekk, dawn ir-rati tad-dazju huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni li joriġina mill-pajjiż konċernat u prodott mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operazzjonali ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-RPĊ".

(184) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk hija sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([19]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla fl-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(185) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping individwali. L-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, jenħtieġ li l-importazzjonijiet ikunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina".

(186) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, din mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, ikunu jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-tbaħħir, eċċ.) bl-għan li jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jinsabu fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(187) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum, b'mod partikolari wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'tali ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet sabiex din issir. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/rati tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(188) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, jenħtieġ li d-dazju anti-dumping għall-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-RPĊ ma japplikax biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda wkoll għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(189) Jenħtieġ li l-produtturi esportaturi li ma esportawx il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni jkunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni sabiex ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tilqa' talba bħal din dment li jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet. Il-produttur esportatur il-ġdid ikollu juri li: (i) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni; (ii) mhuwiex relatat ma' produttur esportatur li għamel dan; u (iii) esporta l-prodott ikkonċernat wara dan jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jagħmel dan fi kwantitajiet sostanzjali.

8.2. **Ġbir definittiv tad-dazji proviżorji**

(190) Fid-dawl tal-marġnijiet ta' dumping li nstabu u minħabba l-livell tad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, jenħtieġ li l-ammonti ggarantiti permezz tad-dazji anti-dumping proviżorji, imposti bir-Regolament proviżorju, jinġabru b'mod definittiv sal-livelli stabbiliti skont dan ir-Regolament.

8.3. **Ġbir retroattiv**

(191) Kif imsemmi fit-Taqsima 1.2, il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni soġġetti għal reġistrazzjoni.

([19]) Indirizz tal-posta elettronika: TRADE-TDI-NAME-CHANGE-REQUESTS@ec.europa.euTRADE-TDI-NAME-CHANGE-REQUESTS@ec.europa.eu; Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Wetstraat 170 Rue de la Loi, 1040 Brussell, il-Belġju.

(192) Matul l-istadju definittiv tal-investigazzjoni, ġiet ivvalutata d-data miġbura fil-kuntest tar-reġistrazzjoni. Il-Kummissjoni analizzat jekk il-kriterji skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku kinux issodisfati għall-ġbir retroattiv tad-dazji definittivi.

(193) L-analiżi tal-Kummissjoni ma wriet l-ebda żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet apparti l-livell ta' importazzjonijiet li kkawżaw dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni, kif preskritt mill-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku. Għal din l-analiżi, il-Kummissjoni qabblet il-volumi medji tal-importazzjoni fix-xahar tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li kien ta' 1 309 tunnellati, mal-volumi medji tal-importazzjoni fix-xahar matul il-perjodu mix-xahar ta' wara l-bidu ta' din l-investigazzjoni sal-aħħar xahar sħiħ ta' qabel l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji (Awwissu 2024 – Frar 2025) li kien ta' 1 306 tunnellati.

(194) Barra minn hekk, meta l-volumi medji tal-importazzjoni ta' kull xahar tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni jitqabblu mal-volumi medji tal-importazzjoni ta' kull xahar matul il-perjodu mix-xahar ta' wara l-bidu ta' din l-investigazzjoni sa u inkluż ix-xahar li fih ġew imposti l-miżuri proviżorji (Awwissu 2024 – Marzu 2025), ma setgħet tiġi osservata l-ebda żieda sostanzjali ulterjuri.

(195) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet kif stabbiliti fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku għall-applikazzjoni retroattiva tad-dazju anti-dumping definittiv ma ġewx issodisfati.

9. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(196) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]), meta ammont ikun irid jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-imgħax li jrid jitħallas ikun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(197) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu gliossiliku [li normalment jaqgħu taħt CAS (Chemical Abstracts Service) Numru 298-12-4 jew 6000-59-5], ta' purità ta' mill-inqas 95 % skont il-piż xott, kemm jekk f'forma solida kif ukoll bħala soluzzjoni milwiema b'konċentrazzjoni skont il-piż ogħla minn 40 % tiegħu, li attwalment jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2918 30 00 (il-kodiċi TARIC 2918 30 00 13) u li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u prodotti mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Hubei Hongyuan Pharmaceutical Technology Co., Ltd	29,2	89M2
Xinjiang Guolin New Materials Co., Ltd	57,3	89M3
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	64,0	Ara l-Anness
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	124,9	8 999

([20]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun kundizzjonali għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li fuqha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u bil-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "*Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-(volum f'tunnellati) ta' aċidu gliossiliku mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Jien niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta*." Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Il-prodott deskritt fl-Artikolu 1(1) għandu jiġi eżentat mid-dazju anti-dumping definittiv jekk jiġi importat għall-użu fil-produzzjoni ta' aġenti riduċenti bbażati fuq il-kubrit mingħajr formaldeid ("FFSRAs") u b'kontenut ta' ħadid (Fe) ta' ≥ 10 u ≤ 20 PPM (partijiet għal kull miljun).

Din l-eżenzjoni għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet doganali tal-Unjoni dwar il-proċedura tal-użu aħħari, b'mod partikolari l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Artikolu 3

1. L-ammonti ggarantiti permezz tad-dazju anti-dumping proviżorju skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/591 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu gliossiliku għandhom jinġabru b'mod definittiv. L-ammonti garantiti ogħla mir-rati definittivi tad-dazju anti-dumping għandhom jiġu rilaxxati.

2. L-eżenzjoni skont l-Artikolu 2 għandha tapplika wkoll għad-dazju anti-dumping proviżorju skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/591.

Artikolu 4

L-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat biex jiżdiedu produtturi esportaturi ġodda mir-RPĊ u jagħmilhom soġġetti għar-rata ta' dazju anti-dumping medja ponderata xierqa għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur ġdid għandu jipprovdi evidenza li:

(a) huwa ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' investigazzjoni (01/07 2023 sa 30/06/2024);

(b) mhuwiex relatat ma' esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament, u li seta' kkoopera fl-investigazzjoni oriġinali; u

(c) effettivament esporta l-prodott ikkonċernat jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Produtturi esportaturi li kkoperaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina mhux fil-kampjun

Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Cangzhou Goldlion Chemicals Co., Ltd	89M4
Guangdong Joy Chemical Co., Ltd	89M5
Inner Mongolia Tianyuda Biological Technology Co., Ltd.	89M6
Jinyimeng Group Co., Ltd	89M7